NATIONAL COUNCIL FOR THE ELDERLY
Patronage - H.E. The President of the Republic of Malta
Members of AGE Platform Europe

NEWSPAPER POST

# L-Anzjani Llum

Leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

Nru. 108 Ottubru - Diċembru 2022




F'din l-edizzjoni...



4
**Lina Brockdorff**
*Intervista minn Nazju Abela*



8
**Rokna Internazzjonali**
*Dr. Anthony De Giovanni*

# Seduta Parlamentari:

## Id-Drittijiet tal-Anzjani u l-Abbuż

F'egħluq it-tletin sena mit-twaqqif tiegħu, għat-tieni sena konsekuttiva, il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani ser ikun qed jorganizza Seduta Parlamentari dwar id-Drittijiet tal-Anzjani u l-Abbuż. Din is-Seduta Parlamentari ser issir nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2022, u tibda b'quddiesa fit-8:30 ta' filgħodu, fil-Knisja ta' San Franġisk ta' Triq ir-Repubblika, il-Belt u tkompli fl-10.00 ta' filgħodu, taħt il-Presidenza tal-Onor Dr Anġlu Farrugia, *Speaker* tal-Kamra tad-Deputati. Matul din is-seduta, ser ikunu diskussi bosta aspetti tat-tema magħżula minn diversi persuni u entijiet involuti fis-settur.

L-anzjani f'pajjiżna jirrappreżentaw 'il fuq minn ħamsa u għoxrin fil-mija tal-popolazzjoni attwali u, għaldaqstant, għandhom jingħataw vuċi b'saħħitha fl-ogħla istutizzjoni tal-pajjiż.

Fost il-kelliema ta' din il-Plenarja, ser ikun hemm esponenti mill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, mid-diversi għaqdiet affiljati mal-Kunsill, mill-Gvern Lokali, mill-isfera politika, minn fost il-professjonisti kif ukoll mill-kamp akkademiku. Il-kelliem ewlieni ser ikun mill-*AGE Platform Europe*, li ġie mistieden apposta għal din l-attività.

Billi l-postijiet huma limitati, min jixtieq jattendi għal din is-seduta u jilħaq post jista' jagħmel dan billi jċempel fuq **21 243 860** sat-Tlieta, 20 ta' Settembru 2022.

Wieħed jista' wkoll isegwi din is-seduta fuq il-kanal televiżiv tal-Parlament li ser ikun qiegħed jittrazmettiha *live*.

Nazju Abela
Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi,
Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

Nixtiequ navvżaw li minn issa wieħed jistà jibgħat l-*emails* fuq dan l-*email* il-ġdid tal-Kunsill li huwa

maltakna@gmail.com

filwaqt li għal aktar tagħrif issa wieħed jista' jidħol fuq il ***Facebook Page***, ***Instragram***, u ***Twitter*** billi tiktbu knamalta u fuq l-***Website*** – www.kna.org.mt

**‘L-ANZJANI LLUM’ huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b’dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**

**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Mary Farrugia, Nazju Abela,
Josiah Grech,
Marica Attard Cassar

**Proof Reader:**
Sonya Micallef

**Typing u Distribuzzjoni:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Peter Paul Bonnici

**Viċi President:**
Nazju Abela

**Segretarju:**
Joseph Zammit

**Ass. Segretarja:**
Mary Farrugia

**Teżorier:**
Godwin C. Micallef

**Ass. Teżorier:**
Saviour Attard

**Segretarju Internazzjonali:**
Dr. Anthony De Giovanni

**U.R.P.:**
Nazju Abela

**Ass. U.R.P.:**
Josiah Grech

**Membri:**
Alfred Mallia
Mary Mangion
Frank Mumford

**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-PUBBLIKU**
Ċemplu għall-appuntament
mit-Tnejn sal-Ġimgħa
09:00 - 12:00

**INDIRIZZ POSTALI**
**‘ L-Anzjani Llum’**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mawru Inguanez,**
**Birkirkara - BKR 4811**
**Tel: 21 243860**
**E-mail: maltakna@gmail.com**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici’s Press**
**36, Triq San Pawl, Valletta**

# *EDITORJAL*



## Ħbieb Anzjani, Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**

Ħbieb anzjani, insellmilkom

Min qatt ma sema’ b’Mahatma Gandhi? Gandhi kien bniedem li mexxa kampanja nazzjonali kontra l-faqar fl-Indja, iġġieled għal aktar drittijiet għan-nisa u ħadem bis-sħiħ favur il-pluraliżmu reliġjuż u t-tolleranza bejn nies ta’ twemmin differenti. Fuq kollox, Gandhi ġġieled għall-indipendenza tal-Indja mill-ħakma kolonjali Ingliża billi addotta kampanja ta’ reżistenza passiva mingħajr il-ħtieġa ta’ vjolenza.

Gandhi kien bniedem għaref. Kien jgħid ħafna kliem li ta’ min wieħed jixtarru sewwa. Kien jemmen ħafna fl-azzjoni pożittiva. Kien jgħid li jumejn biss fis-sena ma nistgħu nagħmlu xejn; ilbieraħ u għada. Il-ġejjieni jiddependi minn dak li nagħmlu llum. Kien isostni li, fid-dinja, hawn biżżejjed ġid għall-bżonnijiet ta’ kulħadd imma mhux għar-regħba ta’ kulħadd! U kien jgħid ukoll li, l-aħjar mod biex issib lilek innifsek huwa billi titlef lilek innifsek biex tgħin lil ħaddieħor. Gandhi ħeġġiġna wkoll biex ma nitilfux il-fidi fl-umanità għax l-umanità hija bħall-oċejan u, bi ftit qtar maħmuġin, ma jfissirx li l-oċejan kollu huwa maħmuġ.

Fuq in-nonvjolenza kien jinsisti ħafna. Kieku kellna nimxu għajn għal għajn u sinna għal sinna, kien jgħid, kieku nispiċċaw kollha għomja u bla snien. Ħadd ma jista’ jweġġagħni mingħajr il-permess tiegħi, kien jemmen. Eżempju brillanti ta’ dan insibuh f’aneddotu li seħħ meta Gandhi kien qed jistudja biex isir avukat fil-Kulleġġ Universitarju ta’ Londra. Fost oħrajn, hemmhekk kien hemm ċertu professur jismu Peters li, lil Gandhi, xejn ma ħa grazzja miegħu. Imma Gandhi dejjem iġġieled għal dak li hu tiegħu u qatt ma baxxa rasu quddiem l-arroganza. Jum wieħed, dan Peters kien qed jiekol fil-*canteen* tal-università u Gandhi mar bit-*tray* f’idu biex ipoġġi ħdejh.

Bil-mod imqit tiegħu, Peters xammar imnieħru u qallu: “Gandhi, ma tafx li majjal u għasfur ma jpoġġux biex jieklu flimkien?”

“Ma ġara xejn, professur,” wieġbu Gandhi, “arani se ntir!”

Il-professur tgħidx kemm infiska għax fehem li, bil-pulit, Gandhi kien implika li hu l-majjal u, għalhekk, iddeċieda li, meta jasal l-eżami li kien imiss, ipattihielu. Imma Gandhi wieġeb il-mistoqsijiet kollha b’mod eċċellenti. Allura l-professur sejjaħlu maġenbu u staqsieh mistoqsija oħra billi qallu, “Gandhi, jekk tkun miexi fit-triq u ssib żewġ xkejjer; waħda mimlija bil-għerf u l-oħra mimlija bil-flus. Liema waħda tieħu? ”

Mingħajr tlaqliq, Gandhi wieġeb, “Probabbli l-flus, professur.”

Il-professur tbissem u, b’mod trijunfanti, qallu, “Jien kont naħtaf l-għerf, ma taqbilx? ”

“Ħeqq, kulħadd jieħu minn dak li m’għandux; mhux hekk, professur?” wieġbu Gandhi bil-kalma kollha.

Għal dan il-kliem, Peters kompla jindanna u jinħaraq u tant sar isteriku li qabad il-karta tal-eżami ta’ Gandhi, fuqha kiteb il-kelma, “Idjota” u taha lill-istudent. Gandhi ħares lejha u, wara ftit mumenti, dar fuq Peters u qallu: “Profs, int iffirmajt il-karta tiegħi imma nsejt tagħtini l-marka!”

Għiduli intom, x’tista’ tagħmel quddiem tweġibiet għaqlin bħal dawn? Sewwa kienet tgħid ommi, Alla jaħfrilha, bniedem hekk joqtlok bla sikkina. Dan kollu jgħallimna wkoll li azzjoni ħażina tirrifletti ruħha ħażin fuq min jagħmilha; mhux fuq min jirċevieha. Jekk xi ħaġa tħalliha tweġġgħek, allura ser tweġġgħek tassew imma, jekk ma tħallihiex tweġġgħek, terġa’ tmur lura minn fejn tkun ġiet. Mela kellu raġun biex ibigħ Gandhi meta kien jgħid li ħadd ma jista’ jweġġgħu mingħajr il-permess tiegħu.

Is-saħħa u s-sliem lil kulħadd.

# Nazju Abela f'intervista ma' Lina Brockdorff



*Il-Familja Mahoney fl-1955. Lina flimkien mal-ġenituri tagħha May u Patrick u ħuta Anthony, Josephine, Patricia, Guy u John*

Min hu tal-età tagħna jaf li Lina Brockdorff hija waħda mill-kittieba l-aktar magħrufa għal kotba bil-Malti li ppubblikat f'għadd konsiderevoli matul ħajjitha. Lina kienet ukoll waħda mix-xandara l-aktar imfittxija, speċjalment fl-era tar-*Rediffusion*, ħafna qabel bdew jittrasmettu l-għadd ġmielu ta' stazzjonijiet tar-radju li għandna llum.

Bħal kull persuna oħra li kelli x-xorti nintervista f'din is-sensiela, minkejja l-għomor twil li l-Mulej għoġbu jżejjinha bih, Lina għadha attiva sal-lum. F'din l-intervista ser niskopru t-talenti kbar ta' Lina Brockdorff bħala awtriċi ta' diversi kotba u aspetti oħra fil-ħajja attiva tagħha.

**Qabelxejn, nitolbok tgħidilna xi ħaġa fil-qosor dwar it-tfulija tiegħek, fejn ħadt l-edukazzjoni, iż-żogħżija, il-familja sakemm ilħaqt il-grad tal-professjoni tiegħek.**

Twelidt l-Isla fil-21 ta' Mejju, 1930; il-kbira fost sitt itfal. L-ewwel skola li kont immur kienet dik tas-Sorijiet Franġiskani, ftit passi 'l bogħod mid-dar. L-Isla konna noqogħdu man-nanna Conċetta, omm ommi. Meta kelli tmien snin, in-nanna Conċetta marret toqgħod Tas-Sliema. Imma, billi ommi bdiet tħoss in-nuqqas t'ommha u n-nanna bdiet tħoss in-nuqqas ta' bintha u tat-tliet neputijiet, erġajna morna noqogħdu magħha, Tas-Sliema. Imma xorta ma tantx gawdejna wisq lil xulxin għax in-nanna ħallietna ftit tax-xhur wara.

Bdejna mmorru l-iskola ta' St.Joseph imma faqqgħet il-gwerra. Fix-Xatt ta' Tas-Sliema, kien hemm vapuri tar-*Royal Navy*, fosthom l-*aircraft carrier, HMS Terror* li, minħabba fih, it-Taljani bdew jattakkaw Tas-Sliema bla nifs. Allura, kellna nitilqu minn hemm ukoll u ma rġajniex lura Tas-Sliema qabel ma ntemmet il-gwerra. Komplejt l-iskola sa ma spiċċajt l-ezamijiet tal-Livell Ordinarju u, billi xtaqt insir għalliema, mort sena *Mater Admirabilis College* li, dak iż-żmien, kien fir-*Rosary School*, San Ġiljan. Ftit tas-snin ilu, wara li l-erba' wliedi ħarġu mid-dar, tħajjart nibda kors tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta, ħaġa li kont ili nixtieqha ħajti kollha. Kont immur il-lezzjonijiet ta' filgħaxija u bqajt sa ma ksibt l-M.A.

**Kif bdiet il-karriera tiegħek bħala kittieba? U għaliex bil-Malti? Kif kompliet minn hemm?**

Fiż-żmien ta' wara l-gwerra, kull dar bdiet iddaħħal ir-*Rediffusion*. Bdejt nitħajjar nikteb artikli qosra u mmur naqrahom fil-programm letterarju tal-Professur.Ġużè Aquilina. Ix-xogħol beda jogħġobni. Kont naqla' nofs lira kull darba u nieħu gost filwaqt li l-Professur Aquilina kien iħajjarni nkompli nikteb. Dawn kienu jkunu kollha programmi bil-Malti u qatt ma ħarist lura. Fl-istess ħin, missieri kien iħobb jikteb ukoll imma dak kien jikteb bl-Ingliż u, l-aktar, poeżija, mhux proża. Kien kuntent li bdejt nikteb xi ħaġa jien ukoll u, allura, erħilu jagħmilli l-kuraġġ biex inkompli nikteb.



**Minbarra l-kitba, għal ħafna snin, int kont xandara magħrufa. Għidilna xi ħaġa dwar dan l-aspett ta' ħajtek.**



Fil-ftit ħin liberu li kien ikolli, kont issibni jew intektek fuq it-*typewriter* jew naqra xi rumanz bl-Ingliż. Mhux għax kelli wisq ħin liberu għax konna familja kbira u ommi kienet tippretendi għajnuna kbira minni, ħaġa li kienet iddejjaqni sew għax, barra li kont għalliema, kelli wkoll salt studenti għall-lezzjonijiet privati. Ma konniex xi familja sinjura wara gwerra qalila bħal dik niġru minn raħal għall-ieħor sakemm, fl-aħħar, spiċċajna Ħad-Dingli.

Sirt ukoll xandara. Meta bdejt ninnamra mar-raġel tiegħi, Joseph Brockdorff, iktar intlift fuq ix-xandir għax huwa wkoll kien jieħu sehem fi programmi oħra qabel sar jafni. Għaldaqstant, flimkien bdejna ntellgħu programmi varji

fuq ir-*Rediffusion*. Ġieli kellna sitt programmi fil-ġimgħa ta' stili differenti. Kellna programm dwar il-kċina u t-tisjir, ieħor dwar it-trobbija tat-tfal u programmi ta' *general knowledge*. Imma l-aktar popolari kien, **Ħlieqa bejnietna**, programm ta' *quiz* li, għalih, konna nistiednu fl-istudju tar-*Rediffusion* **għadd kbir ta' nies biex jieħdu sehem fi gruppi u jikkompetu bejniethom. Dam sejjer tliet snin; darba fil-ġimgħa.**

Jien kont imsieħba fl-Għaqda Letterarja Maltija li, tagħha, kont President għal bosta snin. Kellna xandira letterarja ta' nofs siegħa kull ġimgħa li kien jisimha *Mill-Ġnejna Maltija* u din ukoll kienet f'idejja għal żmien twil.



**Infatti, huwa magħruf li int kont membru assidwu tal-Akkademja tal-Malti. X'kien ir-rwol tiegħek f'din l-għaqda?**

Kont, u għadni, imsieħba fl-Akkademja tal-Malti. Saħansitra, kont fil-kumitat għal bosta snin. Fil-fatt, f'Diċembru tal-2020, għoġobhom jonorawni bil-Midalja tad-Deheb, **Ġieħ l-Akkademja tal-Malti**. B'xorti ħażina, minħabba l-Covid dsatax, ma stajtx inkun preżenti għal din l-okkażjoni tant sabiħa u, minfloki, mar jirrappreżentani wieħed minn neputijiet tiegħi.

**Illum, li rtirajt, kif tippreferi tqatta' ż-żmien?**

Kif jaf kulħadd, għal aktar minn sentejn, għexna b'ċerti restrizzjonijiet. Dan fisser li f'dan iż-żmien, ma stajtx nippjana ħajti kif xtaqt jien. Kelli nqatta' l-biċċa l-kbira tal-jum imsakkra d-dar meta kont nippreferi mmur inzur lil uliedi u lin-neputijiet jew nattendi xi laqgħa tal-parroċċa. Lanqas il-knisja ma kont nissogra mmur kuljum, kif kont nagħmel qabel. Kelli nikkuntenta bil-funzjonijiet reliġjużi fuq it-televiżjoni.

Il-kċina ħabbejtha u għadni nħobbha. It-tisjir ma jsirx waħdu, jeħodli ftit ħin mhux ħażin u dan ifisser li mhux kuljum insib ħin liberu. Inqatta' ftit tal-ħin kuljum fuq it-telefown nitkellem ma' tal-familja jew mal-ħbieb. Paċenzja ma stajtx niltaqa' magħhom imma, għall-anqas, nisma' daqsxejn leħinhom. Il-kompjuter inħobbu ħafna u għadni nikteb xi novella 'l hawn u 'l hinn ukoll. S'issa, bejn rumanzi u stejjer qosra, ippubblikajt erbgħa u għoxrin ktieb. Ir-radju nħobbu, it-televizjoni mhux wisq waqt li nħalli l-ħin ta' qabel norqod għall-qari.



# Testment



Meta, f'dan sidri, jieqaf
ħoss in-nifs aħħari,
fis idfnuni f'tal-Ukrajna
nofs il-ftuħ tax-xagħri
biex, minn hemm, noqgħod nitgħaxxaq
bil-għoljiet, bl-għelieqi,
u nisma' x-xmara *Dnieper*
tgħajjat f'xatt għammieqi.

Meta l-mewġ tad-*Dnieper* mgħaddab
mill-Ukrajna jieħu
l-aħħar qtar ta' demm l-għedewwa
li, fil-blu, jistrieħu,
dakinhar, lejn Alla tiegħi
nitlaq minn dil-ħajja.
Qabel dan jitwettaq, 'l Alla
se nħallih warajja.

Wara d-difna, qumu, kissru
l-ktajjen mingħajr dnewwa
u l-ħelsien li tkunu ksibtu
xarrbu b'demm l-għedewwa.
Wara, f'dil-familja ġdida,
nitlob, ftakru fija;
f'dal-ħelsien tinsewx turuni
naqra simpatija.

*Taras Xevcenko (1814-1861) Poeta, awtur, artist u fundatur tal-letteratura Ukrena moderna. Magħruf ukoll għall-pittura tiegħu. Tħabat ħafna għall-indipendenza tal-Ukrajna.*
*Din il-poeżija ġiet maqluba għall-Malti minn Karmenu Mallia minn poeżija ta' Taras Xevcenko tradotta għall-Esperanto minn Hnat Jakimcuk u O. Korolecic.*

# Imniedi taħriġ fil-Kapaċità Finanzjarja bejn ĠEMMA, Caritas u l-Fondazzjoni HSBC Malta

**Mill-Kampanja Nazzjonali ĠEMMA, MSPC**

Bħala parti minn programm ta' għarfien u edukazzjoni u biex tkompli tagħmel emfasi tal-importanza tal-kapaċità finanzjarja fost il-kommunità lokali, ĠEMMA qed tniedi inizjattiva oħra bil-kollaborazzjoni tal-Caritas u l-Fondazzjoni HSBC Malta. Permezz ta' dan il-programm ta' taħrig, ĠEMMA ser tħarreġ iktar minn tnejn u ħamsin voluntiera ta' Caritas li huma midħla sew tax-xogħol fil-kommunità. Dawn il-voluntiera ser jagħtu sessjonijiet edukattivi dwar diversi temi finanzjarji, bħalma huma, l-immaniġġjar tal-flus, il-monitoraġġ tad-dejn, l-ibbaġittjar, is-self, it-tfaddil, kif ukoll pariri siewja li għandhom x'jaqsmu mal-flus.

Dawn is-sessjonijiet ser jingħataw fil-parroċċi ħalli jkun iktar faċli għall-parteċipanti li jattendu. Minħabba l-importanza li t-tfal jinteressaw ruħhom fl-immaniġġar tal-flus minn età bikrija, Caritas ser tagħti dawn is-sessjonijiet anki fl-iskejjel kollha madwar Malta u Għawdex. Bħal programmi ta' taħriġ oħrajn ta' suċċess li huma stabbiliti fil-kalendarju ta' ĠEMMA, ta' min isemmi t-taħriġ li qed jingħata, kemm mal-Istitut Paolo Freire kif ukoll mas-Servizzi ta' Saħħa Mentali.

Bħal attivitajiet oħrajn, din l-attività ta' *train-the-trainer* ma setgħetx tkun possibbli mingħajr l-appoġġ sħiħ u l-kollaborazzjoni tal-Fondazzjoni HSBC Malta. Bħala kollaboraturi ta' ĠEMMA, dawn dejjem għarfu l-importanza tat-titjib fil-litteriżmu finanzjarju u ħadmu bis-sħiħ ma' ĠEMMA biex din issir pjattaforma ta' kapaċità finanzjarja kredibbli dwar kif persuna għandha tieħu l-aħjar deċiżjonijiet finanzjarji meta tippjana għall-ġejjieni.

F'dan il-kuntest, is-Sur Mark Musù, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, sostna li din l-inizzjattiva ta' ĠEMMA hija pass ieħor biex tħeġġeġ in-nies jitgħallmu iktar dwar il-miri tal-kapaċità finanzjarja tagħhom u dan ħalli jkunu jistgħu jagħmlu għażliet finanzjarji bi ħsieb li, mingħajrhom, il-ħajja tagħhom tkun aktar stressanti.

Dawn is-sessjonijiet ser jgħinu l-parteċipanti biex jifhmu iktar kemm dwar kwistjonijiet ta' flus kif ukoll l-għażliet marbutin mal-istil tal-ħajja. Il-Fondazzjoni HSBC Malta għandha storja twila ta' appoġġ u kollaborazzjoni ma' ĠEMMA f'għadd ta' inizzjattivi dwar il-kapaċità finanzjarja. Is-Sur Michael Cordina, Direttur Eżekuttiv u Kap tal-Iżvilupp tan-Negozju ta' HSBC Malta p.l.c., stqarr li din l-inizjattiva ġdida hija prova oħra tal-impenn tal-Bank li jgħin lit-tfal u liż-żgħażagħ ħalli jakkwistaw il-ħiliet finanzjarji li jeħtieġu biex isibu suċċess fil-ħajja.

Min-naħa l-oħra, is-Sur Anthony Gatt, Direttur ta' Caritas Malta, enfasizza li, bħala NGO, huma ser ikomplu bl-isforzi u l-ħidma tagħhom biex jeqirdu l-faqar u jħaffu t-tbatija filwaqt li jippromwovu l-iżvilupp uman. Permezz ta' din l-attività, Caritas ser tfittex li teduka l-voluntiera tagħha ħalli dawn itejbu l-ħiliet tagħhom billi jifhmu aħjar il-valur tal-flus ħalli jkunu jistgħu jieħdu l-aħjar deċiżjonijiet finanzjarji.

Għal iktar tagħrif, tistgħu żżuru s-sit ta' ĠEMMA fuq *gemma.gov.mt*

## Miss Mary Doris Aquilina

Anthony Borg
19/03/2004



Motivazzjoni, dixxiplina,
kliem fuq fomm Miss Aquilina.

Kulħadd f'postu, mehdi f'xogħlu,
studenti u għalliema
spirtu ta' Miss Aquilina.

Studenti, għalliema, ġenituri,
kollha fehma waħda,
tmexxija għaqlija kellha Miss Aquilina!

# Il-Liżar ta' Turin – Ir-raba' parti

***Kitba ta' Anthony Cardona***

**Iktar xebħ bejn il-Liżar ta' Turin u l-kefen ta' Kristu**

Fin-negattiva tal-Liżar, tidher ċara d-dawra kollha tbenġil fuq il-lemin tal-wiċċ, minfuħa mid-daqqiet li qala'. Minħabba f'hekk, l-għajn il-leminija hija sfigurata. Jidher ukoll tbenġil fuq il-ħuġbejn tax-xellug, fuq il-moħħ u fuq il-ħaddejn tax-xellug. Il-qarquċa tal-imnieħer tidher miksura u, madwar ir-ras, jidhru nixxiegħat ta' demm minn nifdiet tax-xewk tal-kuruna. Din il-ħruxija tidher ukoll mill-ħafna swat u daqqiet ripetuti, bil-ħarta, bil-ponn u bil-bsaten li kollha ħallew il-marki tagħhom hekk li ħassru l-fiżjonomija proprja tal-wiċċ. Madankollu, l-iktar tbenġila kerha fuq in-naħa tal-lemin tal-wiċċ, fejn hemm ukoll l-għajn minfuħa, setgħet kienet magħmula minn ħabta qawwija mal-art meta Ġesù kien qed iġorr it-traversa u waqa' mingħajr ma seta' jilqa' b'idejh. B'hekk jidher ċar li l-marki li jidhru fuq l-immaġini tal-Liżar huma identiċi ma' dak li hemm irrakkuntat dwar Ġesù fl-Evanġelji.



Il-Liżar jista' jkun l-aħjar mod kif wieħed jifhem dak kollu li bata Ġesù waqt il-passjoni tiegħu għax, meta taqra l-Evanġelji, tara li dawk id-dettalji kollha li nsibu rrakkontati mill-evanġelisti, jidhru fuq l-impronti li hemm fuq il-Liżar. Fl-irkoppa tax-xellug tidher tbenġila kbira magħmula mill-waqgħat ta' Ġesù huwa u jġorr it-traversa fuq spallejh. Kull darba li jaqa', ma kienx ikun jista' jilqa' b'idejh għax kienu marbutin mat-traversa. X'aktarx li t-tbenġil fuq il-wiċċ, il-qarquċa miksura tal-imnieħer u n-nefħiet fuq il-ġbin u fuq l-għajn ix-xellugija, kollha setgħu saru mid-diversi waqgħat ta' Ġesù qabel it-traversa refagħhielu Xmun, iċ-Ċirinew. Fuq il-qasba tal-id il-leminija, hemm nixxiegħat tad-demm mad-driegħ kollu li ċarċar mill-musmar fil-polz. Fir-riġel tax-xellug jidhru tbajja' tad-demm ħdejn l-għarqub u tidher ukoll it-toqba tal-musmar bħala tebgħa iktar skura mit-tbajja' l-oħrajn. "Meta waslu fil-post jgħidulu l-Qorriegħa, neżżgħulu t-tunika li kienet weħlet mal-pjagi u, b'hekk, reġgħu fetħulu l-feriti mill-ġdid." Dawn il-ġrieħi kollha jidhru fuq il-Liżar, l-iktar fuq l-ispalla tal-lemin.

It-tislib tar-Rumani ma setax ikun iktar kiefer. Lill-ikkundannat kienu jġagħluh ibati kemm jista' jkun biex juru lil kulħadd x'jiġrilu min joħodha kontra Ċesri. Lil Ġesù l-ewwel neżżgħuh, imbagħad middewh mal-art, sammrulu jdejh mill-polz mat-traversa, għollewh fuq it-travu l-wieqaf u, b'musmar kbir, sammrulu riġlejh it-tnejn f'salt, bis-sieq tax-xellug fuq tal-lemin. Meta sammrulu l-polz, il-musmar nifed in-nerv tan-nofs u ġibed is-saba' l-kbir 'il ġewwa. Fil-fatt, is-saba' l-kbir ma jidhirx fuq il-Liżar għax qiegħed miġbud 'il ġewwa. Bl-imsiemer imissu l-ħin kollu man-nervituri mċarrtin, kien ifisser li, kull ċaqlieqa, żgħira kemm hi żgħira, kienet tikkawżalu wġigħ kbir. Ġesù kellu jġarrab agunija kontinwa għax, kull darba li kien jipprova jogħla ftit 'il fuq billi jagħfas fuq riġlejh imsammrin ħalli jkun jista' jieħu n-nifs u jistrieħ mit-toqla kbira fuq sidru li kienet qed tifgah, kien iħoss spażmi kbar ta' wġigħ ma' ġismu kollu. L-effetti ta' dan iċ-ċaqlieq jidhru wkoll fuq il-Liżar skont id-direzzjoni li ħadu n-nixxiegħat tad-demm li ħarġu mill-polz. It-tbajja' vertikali juru meta Ġesù kien qed jippressa 'l fuq b'riġlejh u t-tbajja' orizzontali juru meta kien jerġa' jiżżerżaq 'l isfel. Waqt li Ġesù kien imdendel mas-salib, kien qed jissielet mal-mewt fi spażmi ta' wġigħ inkredibbli. Fuq il-Liżar naraw is-sinjali kollha tal-kalvarju; rasu mtaqqba bix-xewk, wiċċu mħassar bis-swat, ġismu mqatta' bil-flaġellazzjoni u jdejh u riġlejh imtaqqbin bl-imsiemer. Fl-Evanġelju ta' San Ġwann naqraw li, meta ġew għal Ġesù, billi raw li kien diġà mejjet, ma kisrulux riġlejh; madankollu, wieħed mis-suldati nifidlu ġenbu b'lanza u minnufih ħareġ demm u ilma. Anki dan id-dettall jidher fuq il-Liżar. Il-ġerħa tal-kustat ġiet studjata mit-tobba li, fit-tbajja' tad-demm, sabu traċċi tas-serum li jifforma mad-demm. Din it-tebgħa turi li d-demm huwa ta' bniedem li kien diġà miet. Fuq il-Liżar jidhru wkoll nixxiegħat ta' demm fuq il-ġenbejn. Dan id-demm hu mifhum li ħareġ mill-ġerħa tal-kustat waqt li l-ġisem mejjet ta' Ġesù tniżżel minn fuq is-salib. L-aħħar għajta ta' Ġesù fuq is-salib qabel miet tagħtina x'nifhmu li Ġesù miet b'tiċrita tal-qalb u dan huwa konformi ma' dak li ħareġ mit-teorija medika tat-tobba li studjaw il-konsegwenzi mediċi tal-kruċifissjoni.

L-għaġla li biha difnu lil Ġesù minħabba li kien għoddu wasal is-Sibt, kienet providenzjali għax il-Lhud kellhom id-drawwa tal-ħasil tal-ġisem mejjet u s-Sibt kien jonqsu xi siegħa biex jibda. Il-Lhud kienu jħarsu s-Sibt bħala jum qaddis li fih ma kien isir ebda xogħol; lanqas dfin tal-mejtin. B'hekk, il-kefen ta' Ġesù baqa' ntatt bl-impronti fuqu li juru l-marki tal-kefrija kollha li bata waqt il-passjoni tiegħu. X'aktarx li Ġużeppi u Nikodemu niżżlu l-ġisem mejjet ta' Ġesù minn fuq is-salib, ħaduh fil-qabar u, hemmhekk, keffnuh fil-Liżar li kienu xtraw. L-ewwel firxu nofs il-Liżar, middew il-ġisem mejjet fuqu u, bin-nofs l-ieħor, għattew in-naħa ta' quddiem u dawruh bil-faxex.

# Rokna Internazzjonali

Kif ħabbarna fil-ħarġa ta' qabel din, permezz ta' din ir-rokna, ser nibdew ngħarrfu lill-qarrejja ta' dan il-magazine bl-attivatajiet li l-KNA jkun qed jagħmel fil-qasam internazzjonali. Ix-xahar ta' Ġunju 2022 kien impenjattiv ħafna. Barra mill-Assemblea Ġenerali tal-AGE Platform, li saret fis-7 ta' Ġunju u li, għaliha, attendejt b'mod virtwali, bħala Viċi-President tal-AGE Platform Europe, attendejt fiżikament għal diversi konferenzi u laqgħat f'Ruma li jinkludu l-Konferenza Ministerjali dwar l-Anzjanità u Joint Forum tal-MIPAA.

**Assemblea Ġenerali tal-AGE Platform Europe**

Barra mill-formalitajiet tas-soltu, din l-assemblea kienet important għax, matulha, kienu approvati l-Membri tal-Kunsill u s-Sostitut ta' kull pajjiż membru u, għaldaqstant, il-kompożizzjoni tad-Delegazzjoni Maltija kif maqbula mit-tliet organizzazzjonijiet Maltin membri tal-AGE kienet approvata. Kien approvat ukoll il-proċess biex jerġgħu jitniedu t-Task Forces tal-AGE u biex toħroġ stedina lill-organizzazzjonijiet membri biex jinnominaw persuni ħalli jipparteċipaw f'dawn it-Task Forces. Il-KNA applika biex membri tal-Eżekuttiv jieħdu sehem fl-erba' Task Forces biex b'hekk inkomplu nżidu l-għarfien tad-diversi aspetti tal-anzjanità bil-għan li l-KNA ikun aktar ta' servizz għall-anzjani Maltin u Għawdxin.



**Konferenza Round Table organizzata mill-għaqdiet Taljani affiljati fl-AGE Platform Europe**

Fl-okkażjoni tal-għoxrin anniversarju tal-MIPAA, fl-14 ta' Ġunju 2022, il-koordinament Taljan tal-Age Platform organizza konferenza Round Table f'Palazzo Rospigliosi, Ruma. L-iskop ta' din il-konferenza kien li jitnieda proċess ħalli ssir liġi komprensiva dwar l-anzjanià fl-Italja. F'din il-laqgħa, kien approvat dokument ippreżentat lill-Ministru konċernata, Dr. Elena Bonetti. Liġi bħal din hija meħtieġa ħalli jkun żgurat li ma jitħalla barra ebda aspett ta' salvagwarda tad-drittjiet tal-anzjani. Wieħed mill-kelliema kien is-Segretarju Ġenerali tal-AGE Platform, Dr. Maceij Kucharczyk. Billi jiena fluwenti fl-ilsien Taljan, jien irrappreżentajt il-Presidenza tal-AGE Platform Europe.

**Joint Forum fl-okkażjoni tal-Għoxrin Anniversaju tal-Madrid International Plan of Action on Ageing**

Dan il-Joint Forum tlaqqa' fil-15 ta' Ġunju 2022 biex iġib flimkien ir-riċerkaturi u l-organiżazzjonijiet mhux governattivi li jaħdmu fil-kamp tal-anzjani bl-iskop li dawn jaqsmu t-tagħrif u d-data miksubin sew mir-riċerka kif ukoll mill-azzjoni prattika fil-kamp u jiddiskutu flimkien l-impatt li ħalla l-MIPAA u r-Regional Implementation Strategy tiegħu, il-MIPAA/RIS. Saru diversi interventi interessanti u, fl-aħħar, kienet approvata dikjarazzjoni intitolata, A fulfilling life throughout the life-course: a joint effort of civil society and research in policy making. Fost l-oħrajn, din id-dikjarazzjoni tħeġġeġ biex jittieħdu aktar azzjonijiet li jippromwovu l-anzjanità attiva u b'saħħita, li jkun żgurat aċċess ugwali għall-kura u s-support lill-persuni anzjani u l-carers, li jixpruna l-kunċett ta' soċjeta għal kull età u biex it-tema tal-età tiġi mainstreamed. Din id-dikjarazzjoni tħares ukoll lejn temi oħrajn li jeħtieġu konsiderazzjoni fil-ġejjieni. Għal aktar tagħrif, idħol fil-website tal-KNA.

**Konferenza Ministerjali**

Din il-konferenza, li tikkonkludi r-raba' review tal-MIPAA u r-RIS għas-snin bejn l-2018 u l-2022, kienet organizzata mill-UNECE u nfetħet minn Dr. Elena Bonetti, Ministru għall-Familja u Opportunitajiet Indaqs fl-Italja. Għaliha, attendew 'il fuq minn erbgħin Ministru minn madwar id-dinja. It-tema tal-konferenza kienet, Joining forces for solidarity and equal opportunities throughout life u kienet diskussa minn tliet perspettivi li huma: (1) il-Ħidma għal ghixien b'saħħtu u attiv tul il-ħajja kollha; (2) dak li Nizguraw kura fit-tul u support lill-familji u l-carers; u (3), il-Mainstreaming tat-tema tal-età ħalli nippromwovu soċjetà għall-etajiet kollha. Fost il-kelliema, kien hemm is-Segretarju tal-AGE Platform, Dr. Maceij Kucharczyck, kif ukoll Dr.








Natasha Azzopardi Muscat, Direttur Reġjonali tal-WHO għall-Ewropa. Il-Ministru għall-Anzjanità Attiva, Dr. Jo Etienne Abela, MD, MP, ukoll inidirizza din il-konferenza li, fiha, Dikjarazzjoni tal-Ministri kienet approvata unanimament. Fil-website tal-KNA, issibu din l-istqarrija ministerjali flimkien ma' materjal ta' tagħrif ieħor.

Dr Anthony DeGiovanni
Segretarju Internazzjonali, KNA u
Viċi President, AGE Platform Europe

# Raħal twelidi u l-mixja tal-President 2021

***Kitba ta' Carmen Borg***



Raħal twelidi, Ħaż-Żebbuġ, li jissejjaħ ukoll Città Rohan, jinsab fin-naħa ta' fuq ta' Malta u hu wieħed mill-eqdem irħula Maltin. Taħt l-Għarab, l-irħula ta' Ħal-Dwin, Ħal-Mula u Ħal-Muxi kienu komunitajiet żgħar. Imma, maż-żmien, dawn ingħaqdu u ffurmaw ir-raħal ta' Ħaż-Żebbuġ. Ċertu Filippo di Catania, "il-Kataniż", intraprenditur sinjur, ħareġ parti mill-ispejjeż tal-kostruzzjoni tal-Knisja ta' San Filep li nbniet fis-sena 1380.

Meta Malta kienet principalità indipendenti taħt l-Ordni ta' San Ġwann, Ħaż-Żebbuġ kien wieħed mill-postijiet prinċipali tal-Belt Valletta u l-Imdina. Ir-rwol ewlieni tiegħu kien l-industrija tal-qoton. Fi żmien il-ħakma Franċiża bejn l-1798 u l-1800, il-knejjes Maltin kienu misruqin mir-rikkezzi tagħhom. Meta ż-Żebbuġin saru jafu b'dan, daħlu fil-knisja u, malajr malajr, ħbew id-dehbijiet u l-fided ta' ġo fiha. Meta l-Franċiżi raw il-bibien tal-knisja miftuħin beraħ, baqgħu mexjin fi triqthom u, b'hekk, iż-Żebbuġin salvaw il-fided u d-dehbijiet tal-knisja.

Ħaż-Żebbuġ huwa mdawwar minn Ħal-Qormi, is-Siġġiewi u r-Rabat. Għandu żewġ widien il-ġmiel tagħhom; Wied Qirda u Wied Inċita. Ħaż-Żebbuġ lanqas hu nieqes mill-Kappelli Medjovali għax hemm is-Santwarju tal-Hlas u l-Knisja ta' San Blas, fost oħrajn.

Tajjeb li wieħed jinnota li dan ir-raħal għandu lok fejn wieħed jista' jagħmel żewġ passi fil-kampanja. Nhar il-21 ta' Novembru 2021, il-Kunsill Lokalli ta' Ħaż-Żebbuġ, għamel bħal ħafna lokalitajiet oħrajn u organizza l-mixja tal-President b'risq il-*Community Chest-Fund*. Iltqajna madwar mitt ruħ u, flimkien mas-Sindku tar-raħal, it-tabib Malcolm Paul Galea u l-familja tiegħu, imxejna mill-pjazza tar-raħal sat-triq li tagħti għall-Kappella ta' San Ġakbu, taħt ir-Rabat. It-temp kien sabiħ b'xemx fietla. Għal din il-mixja, ħadt gost nara nies ta' etajiet differenti jimxu flimkien. L-iskop tagħna kien li, waqt li nagħmlu ftit eżerċizzju fiżiku, fl-istess ħin ngħinu lil ħutna inqas ixxurtjati minna. Kulħadd jaf li l-mixi huwa wieħed mill-aħjar eżerċizzji fiżiċi biex il-ġisem jibqa' f'saħħtu! Barra minn hekk, għamilt ukoll ħbieb ġodda u għidt xi żewġ kelmiet magħhom ukoll.

It-tmiem ta' din il-mixja ħelwa, li għenitna nirrilassaw, wassalna sa fuq iz-zuntier tal-Knisja Arċipretali ta' San Filep, fejn ħadna ritratt flimkien. San Filep huwa l-qaddis protettur tar-raħal tagħna li għandu ġemellaġġ mar-raħal ta' Aġġira, fi Sqallija. Wara li ħadna r-ritratt, konna daqsxejn għajjenin ukoll. Imma kienet għejja ħelwa li anke tiftaħlek l-aptit. Sellimna lil xulxin u tlaqna lejn djarna. Mixja ta' tliet kilometri li ħadet sagħtejn kienet biżżejjed għal dakinhar. Kienet tassew mixja ħelwa li, fiha, għaddejna minn Vjal il-Helsien, Triq l-Imdina, Triq Mikiel Anġ Sapiano u t-triq tar-Rabat, fejn kważi tlajna sat-triq li twassal sa ħdejn il-kappella ta' San Ġakbu.

Jum li ma ninsihx malajr. Minn qalbi, nixtieq niżżi ħajr lil kull min ħa l-inizzjattiva u organizza din il-mixja. Ħajr ukoll lill-Kunsill Lokali żgħażugħ u ħabrieki ta' Ħaż-Żebbuġ li, bl-impenn tiegħu, ħa sehem attiv f'din l-okkażjoni. Nittama li, fil-ġejjieni, ikollna aktar okkażjonijiet bħal dawn. Barra li għamilna ġid lil saħħitna, ilħaqna skop nobbli wkoll; dak li ngħinu lil ħutna li jinsabu fi bżonn materjali u psikoloġiku. Dawn in-nies japprezzaw avvenimenti bħal dawn għax jafu li aħna naħsbu fihom u li nuru s-solidarjetà tagħna magħhom.

# Il-*Walker, the Iron Man of Malta*

**Kitba ta' Franky Piccinino**



Toni Zarb twieled il-Mandraġġ tal-Belt fl-14 ta' Lulju tal-1904. Tista' tgħid li, b'ismu, kważi ma jafu ħadd imma, bil-laqam tiegħu, il-*Walker,* jafuh Malta u Għawdex kollha. Meta spiċċa mill-iskola tal-Baviera, beda jagħmel xi xogħol, kemm bħala *waiter* u anki ta' *electrician* imma l-impjieg ewlieni tiegħu kien ma' Camilleri tal-Ħelu ta' Triq il-Merkanti. Infatti, kien hawnhekk fejn akkwista l-laqam tiegħu għax, darba, bagħtuh jagħmel qadja u tant ġie lura malajr li xi ħadd qallu: "Illaħwa, qisek *Johnnie Walker*; kemm tiġri!" U, minn dakinhar 'l hawn, Toni Zarb baqa' magħruf bħala l-*Walker*.

Jiena kont ilni nafu sa mill-1955 għax kien joqgħod f'kerrejja, bieb ma' bieb ma' fejn konna noqogħdu aħna, fi Triq l-Isptar il-Qadim, ftit 'l isfel mill-ġenb tal-Kamrata. Il-*Walker* kien raġel prolifiku. Kien miżżewweġ darbtejn u kellu sitta u għoxrin tifel u tifla; sebgħa mill-ewwel mara, Karmena, li ħalliet din id-dinja ta' disgħa u għoxrin sena; u dsatax oħra tat-tieni mara tiegħu, Stella.

L-aktar ħaġa li baqa' magħruf għaliha l-*Walker* kienet il-kapaċità tiegħu li jgħawweġ il-ħadid; xi ħaġa li kien ilu jagħmel sa mill-1927. Għadni niftakru l-*Empire Stadium*, tal-Gżira, qabel xi logħba importanti, kien joħroġ fil-*ground* bix-*shorts* u l-flokk ta' taħt, b'virga tal-ħadid f'idu mogħla bniedem u wiesgħa xi żewġ pulzieri, juriha lin-nies, imbagħad jagħmilha ma koxxtu u ma' rkupptejh u jibda jdawwarha u jgħawwiġha sakemm iġibha qisha molla. Imbagħad, il-ħadida kien jgħolliha 'l fuq u n-nies kienu jagħmlu ors sħiħ fost ħafna ċapċip, tisfir u botti. Biex jinkuh, kienu jgħidulu li kien jirnexxielu jgħawwiġha għax kienet maħruqa. Meta kien jisma' hekk, il-*Walker* kien jinħaraq aktar mill-ħadida nnifisha. Kien joffrihielhom u jiċċalinġjahom biex, min irid, jerġa' jiddrittaha, ladarba kienet maħruqa. U n-nies kienu jgħidulu: "Għax ma tiddrittahiex int?" Darba, bi sfida, rajtu jagħmilha ma' koxxtu, fetaħha u baqa' jissara magħha sakemm reġa' ddrittaha kif seta'.

Ġieli kienu anki jistidnuh biex jagħti wirja ta' saħħa waqt xi attività organizzata minn xi għaqda jew oħra. Fl-*Empire Stadium*, wara kull esebizzjoni, kien joħroġ ix-XigĐ b'xi beritta f'idu, idur mas-*supporters* tal-Belt u jitlobhom iwaddbu xi ħaġa għall-*Walker*. Imma l-*Walker* ma kienx jiċċarġja flus u, dak li kien jiġbor, kien imur għall-karità. Issa jekk, kif jgħidu l-Ingliżi, il-karità kienet tibda mid-dar, ma nafx. Li naf żgur hu li, biex titma sitta u għoxrin tifel u tifla, kont trid erba' soldi mhux ħażin, dak iż-żmien.

Imma, apparti ċ-ċajt, kif għidna, il-*Walker* ma kienx jiċċarġja flus perĐ kien jieħu gost b'xi tazza kommemorattiva, lewn il-fidda, ippreżentata lilu bħala tifkira tal-okkażjoni. Niftakar ukoll li, meta kienet toqrob il-festa, kien idendel biċċa damask ħamra mal-gallarija, joħroġ statwa żgħira ta' San Duminku, idawwarha bit-tazzi kollha li kellu u fuqhom idendel bozza tal-elf ħalli kulħadd ikun jista' japprezza d-devozzjoni lejn dan il-qaddis kif ukoll kemm rebaħ tazzi l-*Walker* bil-kapaċità straordinarja li kellu!
Lill-*Walker* kont anki tarah jerfa' fil-vari tal-Belt u mhux f'San Duminku biss imma anki fil-Vara l-Kbira tal-Knisja Ta' Ġeżu fil-Ġimgħa Mqaddsa u diversi vari oħrajn ukoll. U dejjem kont tarah bil-bastun tat-tarf għax, għalih, bis-saħħa li kien jippossjedi, din kienet qisha ħaġa mhi xejn.

Toni Zarb kien raġel sew u dejjem moħħu kif jagħmel biex jakkwista xi ħaġa għall-familja numeruża li kellu. Meta kellu mas-sebgħin sena u rtira minn ma' Camilleri tal-Ħelu, lanqas tista' tgħid li abbanduna l-mestier għal kollox għax beda jagħmel il-karamelli, jagħmilhom ġo boroż tal-*plastic* ċkejknin tużżana tużżana, ipoġġihom f'tilar u jmur ibigħhom Fuq il-Monti jew fil-festi fl-irħula Maltin. Għalkemm ma konnhiex għadna iktar żgħar, fis-sebgħinijiet, niftakarni nixtru l-ħelu tal-*Walker*.

Il-*Walker* mar jiltaqa' mal-Mulej fil-11 ta' Frar 1993, fl-età ta' tmienja u tmenin sena. Lil Toni Zarb tista' ttih ħafna titli u aġġettivi li kienu joqogħdulu: raġel sew, tal-familja, ħawtiel u bieżel, baħbuħ, raġel b'saħħtu, raġel ħelu, ċajtier u ferrieħ. Imma l-*Walker* jibqa' fil-memorja kollettiva bħala wieħed minn dawk il-karattri kkuluriti Beltin li ma jintesewx kif ġieb u laħaq.




# Francesco Azopardi, kompożitur Rabti ta' importanza kbira

***Kitba ta' Peter Paul Ciantar***

Niftakar qisu lbieraħ meta, kważi ħamsin sena ilu, l-għarusa tiegħi (illum marti) għedtilha li jien ma nixtieqx ċurkett għall-għerusija imma kotba u tlabtha tixtrili l-*Groves Dictionary*. Dan huwa sett ta' kotba ħoxnin li jien insejħilhom il-Bibbja tal-Mużika Internazzjonali. Kif tistgħu taħsbu, l-għarusa kien jaqblilha kieku xtratli ċurkett tal-għerusija milli dawn il-kotba tal-mużika, għax kienet teħles b'irħas. Tgħiduli, x'għandha x'taqsam din l-introduzzjoni mal-kompożitur Francesco Azopardi? Għandha, għax dawn il-kotba tal-mużika kienu, u għadhom, gwida qawwija fl-istudji u r-riċerka tiegħi dwar il-mużika.

Infatti, l-ewwel ħaġa li għamilt meta dawn il-kotba waslu għandi kienet li ftaħthom ħalli nara x'nista' nsib dwar il-kompożitur Malti, Francesco Azopardi. (Azopardi b'z waħda). Ngħidilkom li, dak iż-żmien, l-uniċi żewġ kompożituri Maltin ikkwotati fil-*Groves Dictionary of Music* kienu Nicolò Isouard u Francesco Azopardi. Dwar Azopardi, dan id-dizzjunarju jgħid li huwa mir-Rabat, Malta u jien inħossni kburi ħafna li noqgħod fit-triq imsemmija għalih.

Fis-sena 2005, meta l-Kunsill Lokali tar-Rabat kellu orkestrina, kont tajt parir lis-Sindku ta' dak iż-żmien biex isemmi din l-orkestrina għal dan il-kompożitur Rabti. U hekk sar imma, jekk niftakar sewwa, din l-orkestrina kienet mietet qabel twieldet. Imma, għall-inqas, is-suġġeriment tiegħi wassal biex il-Kunsill għaraf l-importanza ta' Francesco Azopardi tant li, mal-faċċata tas-sede tal-Kunsill, twaħħlet lapida ta' tifkira f'ġieħ Francesco Azopardi li kien joqgħod fi Triq l-Isptar viċin il-post fejn jiltaqa' l-Kunsill tar-Rabat.

Francesco Azopardi twieled ir-Rabat, Malta fil-5 ta' Mejju tal-1748. L-ismijiet tal-magħmudija tiegħu kienu Giovanni, Battista, Agostino, Francesco u Giuseppe. Kellu l-ewwel tagħlim tiegħu fil-mużika ma' Michelangelo Vella. Ta' ħmistax-il sena, kif kienet il-moda dak iż-żmien, mar jistudja Napli fejn dam għal madwar disa' snin u fejn, l-ewwel ma studja, kien fil-*Conservatorio di Sant' Onofrio* ta' *Porta Capuana*. Responsabbli mit-tagħlim mużikali tiegħu, kienu Carlo Contumacci u Joseph Doll. Warajhom, Azopardi kompla jipperfezzjona ruħu ma' Niccolò Piccinni.

Piccinni kien kompożitur Taljan ta' madwar tmenin opra. Mhux biss imma kkompona wkoll sinfoniji, mużika sagra u *musica da camera*. Għalkemm illum ftit li xejn jissemma, fi żmienu kien wieħed mill-kompożituri popolari u importanti, speċjalment fejn tidħol l-opra komika Naplitana. Piccinni kien ikollu l-aħjar allievi jitgħallmu miegħu u dan kien ifisser ċertifikat qawwi ħafna għall-kompożitur Rabti. Francesco Azopardi ma kienx biss kompożitur imma kien ukoll organista u, aktar minn hekk, kien surmast tat-teorija tal-mużika tant li l-kompożitur famuż Luigi Cherubini jikkwota xi eżempji mill-*musico prattico* ta' Azopardi. Dan il-*musico prattico* kien maqlub għall-Franċiż u ppublikat ġewwa Pariġi fl-1786 minn Nicolas-Etienne Framery, bħala *text-book* ta' introduzzjoni.




Dan il-bravu kompożitur Malti kiteb ukoll *L'origine delle regole della muzica* u kkompona wkoll għadd sabiħ ta' biċċiet ta' mużika sagra, fosthom oratorju jismu *La Passione di Cristo*. Dan li qed ngħid insibuh kollu fil-*Groves Dictionary of Music* u huwa għalhekk li jien insostni li Francesco Azopardi għandu fama internazzjonali.

Tant in-Naplitani xtaqu lil Francesco Azopardi jibqa' magħhom li offrewlu l-post ta' *Maestro di Cappella* imma hu ried jiġi lura pajjiżu. Fil-fatt, fl-1774, meta kellu xi sitta u għoxrin sena, Azopardi ġie Malta u nħatar organista tal-Katidral ta' San Pawl tal-Imdina bid-dritt li jsir *Maestro di Cappella* wara Don Benigno Zerafa. Infatti, Francesco Azopardi ngħata din il-ħatra fit-8 ta' Diċembru tal-1783. Barra minn dan, Azopardi kien attiv ukoll fil-Knisja Konventwali tal-Kavallieri ta' Malta, il-Konkatidral ta' San Ġwann ġewwa l-Belt.

Bħala kompożitur, insellmulu bil-kbir għax ikkompona mal-mitejn u ħamsin biċċa xogħol mużikali li, parti kbira minnhom, huma mużika sagra. Fosthom, insibu wieħed u tletin quddiesa, sitta u sebgħin salm, sitt *magnificat,* sittax-il antifona u xogħlijiet għall-orgni għal żmien il-Milied.

Bħallikieku dan kollu ma kienx biżżejjed, Francesco Azopardi kien ukoll wieħed mill-aqwa għalliema tal-mużika u, fost l-allievi tiegħu, kien hemm Malti magħruf ieħor, Nicolò Isouard, li wkoll jidher fil-*Groves Music Dictionary*.

Francesco Azopardi miet ir-Rabat, fejn twieled u għex, fis-6 ta' Frar, 1809 meta kellu sittin sena. Jien għandi għal qalbi ħafna *recording* fuq *C.D.* ta' quddiesa tiegħu, *Messa Dei Morti*, bid-data 1792, jiġifieri, Azopardi kitibha meta kellu erbgħa u erbgħin sena. Din il-quddiesa hija għal erba' vuċijiet u hi esegwita minn Rosabelle Bianchi, Claire Massa, Frans Mangion u Albert Buttigieg, flimkien mal-Kor *Collegium Musicum*, bl-orkestra taħt id-direzzjoni ta' Dion Buhagiar. Grazzi jmur għall-Bank APS li kien strumentali f'dan ir-*recording* li tassew jagħmel ġieħ lill-kompożitur Malti, Francesco Azopardi.

Dan huwa tagħrif tassew fil-qosor dwar dan il-kompożitur. M'ilux wisq, il-Professur Dion Buhagiar, li għamel studju kbir dwar Azopardi, ippubblika ktieb mill-aktar interessanti dwar dan il-kompożitur Malti ta' ħila kbira. Però, minkejja kollox, jien xorta ngħid li Francesco Azopardi mhuwiex magħruf, meqjum u apprezzat biżżejjed mużikalment ġewwa pajjiżna.

# Kien żmien ieħor

***Kitba ta' Saviour Rizzo***

Fl-1963, l-Uffiċju Ċentrali tal-Istatistika għamel stħarriġ ibbażat fuq tnax-il elf intervista ma' nisa Maltin li, sal-1960, kienu miżżewġin. Dan l-istħarriġ wera li, fis-snin ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija, ftit li xejn kien hemm ċaqliq fir-rata ta' twelid f'Malta. Komparat ma' *standards* f'pajjiżi moderni, minkejja t-tnaqqis li kien reġistrat, ir-rata ta' twelid f'Malta baqgħet meqjusa bħala waħda pjuttost għolja. Madankollu, ix-xejra 'l isfel tar-rata tat-twelid li bdiet fil-ħamsinijiet kompliet tkun sostnuta b'tali mod li, sal-1970, il-figuri tat-twelid f'Malta bdew iqarrbu lejn dawk ta' pajjiżi moderni. Tant kien sostnut dan il-proċess ta' tnaqqis ta' twelid li, sal-aħħar tas-seklu għoxrin, il-karatteristiċi demografiċi ta' Malta qarrbu sew lejn, u anki marru oltre, dawk ta' pajjiżi oħrajn. Fl-aħħar snin tas-seklu għoxrin, ir-rata ta' twelid f'Malta kienet aktar baxxa minn dik ta' pajjiżi żviluppati bħad-Danimarka u Franza. Din ir-rata baxxa ta' twelid kienet tfisser li l-familji Maltin bdew isiru ferm iżgħar u s-soċjetà saret iktar moderna.

Din il-bidla kienet xprunata minn fatturi barranin u oħrajn lokali li, bil-mod il-mod, bdew ibiddlu l-valuri tradizzjonali tagħna. Bla tlaqliq, nistgħu ngħidu li, parti minn din il-mewġa kulturali li, b'mod sottili, bdiet ixxerred valuri li, xi fit jew wisq, bdew jagħtu viżjoni oħra tal-valuri tradizzjonali, kienu l-għadd ta' *films* li bdew ġejjin minn *Hollywood* u jintwerew fis-swali taċ-ċinema. Il-ħamsinijiet kienu l-aqwa żmien ta' *Hollywood* minn fejn bdew ħerġin ħafna tipi ta' *films* li jolqtu l-gosti ta' firxa wiesgħa ta' nies. Dawn il-*films* kienu jintwerrew fis-swali taċ-ċinema madwar id-dinja kollha, inkluż f'Malta.



Biex ilaħħqu ma' din id-domanda ġdida u qawwija ta' divertiment, l-għadd ta' swali taċ-ċinema f'Malta żdied ħafna. Għall-ewwel ġimgħat tal-wasla tagħhom f'Malta, dawn il-*films* kienu jintwerew fit-teatri tal-Belt u dawk ta' tas-Sliema. Wara, kienu jintwerew ukoll fis-swali taċ-ċinema li nfetħu fil-bliet Maltin bħall-Ħamrun, Birkirkara u Raħal Ġdid. L-aktar *films* popolari kienu l-*musicals* bħal, *Show Boat*, li ħareg fis-sena 1951. Malta bi ħġarha marret tara dan il-*film*. Anki jien, li kont għadni kemm għalaqt is-seba' snin, rajt dan il-*film* ma' missieri fl-*Empire Cinema* li kien fil-Pjazza tar-Raħal Ġdid. *Musiċal* ieħor li għamel suċċess kbir kien, *Seven Brides for Seven Brothers*, li ħareg fl-1954. Kull meta niftakar f'dan il-*film*, għadni nismagħha tidwi f'widnejja l-kanzunetta li jkanta Howard Keel, *Bless your Beautiful Hide*.

Imma l-aktar *film* li qajjem interess u agħa, speċjalment fost iż-żgħażagħ, kien *Rock around the Cloċk*, li ħareġ fis-sena 1954. Il-mużika moderna li ddominat dan il-*film* ġennet liż-żgħażagħ b'tali mod li, dak kollu li kien marbut miegħu beda jintuża bħala għodda biex dawn iż-żgħażagħ jesprimu l-identità tal-indipendenza tagħhom. Iż-żgħażagħ li wrew il-ħeġġa biex jimxu ma' dawn ix-xejriet moderni bdew iqaxxru xagħarhom *crew cut*, jilbsu qliezet bi qliezi dojoq, li konna nirreferu għalihom bħala 'katusi' u żraben bil-ponta stil ta' Elvis Presley li, sadakittant, kien sar l-idolu taż-żgħażagħ. Iż-żgħażagħ li kienu jimxu ma' din il-moda bdew jissejħu, *teddy boys*.

M'għandniex xi ngħidu, din il-moda ġdida u din il-ħerqa kbira għal valuri ġodda li jixirqu soċjetà iktar moderna kellha tħabbat wiċċha ma' realtà dominata mit-tifrik li ħalliet warajha t-Tieni Gwerra. Realtà li ma kienet xejn sabiħa għax l-ekonomija Maltija qajla setgħet turi sinjali ta' stabbilità u prospetti sbieħ għaż-żgħażagħ. Biex tkompli tagħqad, il-Gvern Ingliż ried inaqqas in-nefqa tiegħu f'Malta u anki stqarr li kien lest li jagħlaq it-Tarzna li, dak iż-żmien, kienet tipprovdi l-ħobża ta' kuljum lil aktar minn tnax-il elf ħaddiem. Fis-sħab li beda jinġema', il-ħjut tad-dawl kienu ftit ħafna u 'l bogħod wisq. Skont l-esperti li kienu jiġu minn barra biex jagħtu l-pariri, l-unika soluzzjoni biex l-ekonomija Maltija tibda tieħu r-ruħ kienet l-emigrazzjoni.
U dak huwa, eżattament, li ġara. Ħafna familji Maltin, mgħejjunin minn sussidju tal-passaġġ provdut mill-Gvern Malti, bdew jemigraw lejn pajjizi fejn il-prospetti kienu jidhru ferm aħjar, bħall-Awstralja,



il-Kanada, l-Istati Uniti u l-Ingilterra. Madankollu, dan is-sens ta' fataliżmu, b'xi mod jew ieħor, beda jiġi sfidat mill-politiċi Maltin li bdew jagħmlu sforz qawwi ħalli jiddiversifikaw l-ekonomija ta' Malta biex din tkun tista' toffri mpjiegi ġodda u xierqa lill-ħaddiema Maltin. Dan il-ħolm tal-ħamsinijiet serva biex jibda jinbena pedament sod għal ekonomija li tkun tassew sostenibbli.



Bħala konklużjoni, nistgħu ngħidu li l-ħamsinijet kienu snin li, fihom, il-poplu beda jduq il-frott tas-sliem wara gwerra qalila li, sa dak iż-żmien, id-dinja qatt ma kienet rat bħalha. Kien ukoll żmien li beda juri prospetti u tamiet ġodda f'soċjetà li bdiet tħares lejn l-imgħoddi b'lenti soċjali iktar moderna u li timraħ aktar 'il bogħod. L-isfond ta' dawn is-snin kien mibni fuq xewqa għat-twettiq ta' rikostruzzjoni fiżika u soċjali biex ittaffi l-ħerba li ġabet magħha t-Tieni Gwerra Dinjija. Il-kuntest tax-xena politika li fih kellu jitwettaq dan il-għan kien imtappan minn nuqqas ta' sensittività tal-Gvern Ingliż li, ġaladarba t-thedida tal-għadu kienet intemmet, beda jikkontempla miżuri biex inaqqas l-ispiża fil-kolonji li kienu parti mill-Imperu Ingliż. Waħda minn dawn il-miżuri kienet li titnaqqas l-għotja finanzjarja li l-Gvern Kolonjali Ingliż kien jgħaddi lill-Gvern Malti kull sena. Din il-politika t'awsterità addottata mill-Gvern Ingliż kienet tissarraf f'nuqqas ta' ħaddiema Maltin impjegati mas-Servizzi Ingliżi li l-għadd tagħhom dak iż-żmien kien sostanzjali.

Dawn l-avvenimenti fl-ekonomija bdew iseħħu fost taqlib kbir fix-xena interna tal-politika. Iż-żewġ partiti politiċi ewlenin Maltin raw bidla fit-tmexxija tagħhom. Kien żmien li, matul l-ewwel ħames snin tiegħu, assistejna għal erba' elezzjonijiet ġenerali li, tlieta minnhom, irriżultaw fi gvern ta' koalizzjoni.

Mil-lat soċjali, it-tieni nofs tal-ħamsinijiet raw il-bidu ta' *welfare state* u l-introduzzjoni tal-*household appliances* fid-djar Maltin. Lejn it-tmiem tagħhom, rajna l-wasla f'pajjiżna tat-*television*. Imma, sal-aħħar tal-ħamsinijiet, dan kien għadu ma daħalx fil-maġġoranza tad-djar Maltin. Dan jixhdu l-fatt li, it-Tazza tad-Dinja tal-1958 li, għall-ewwel darba, intwerit diretta fuq it-*television*, il-maġġoranza tan-nies kellhom jarawha bilwieqfa quddiem xi ħanut li kien beda jbigħ dan il-prodott ġdid fis-suq. Jiena niftakar li, biex ma jkollix intawwal għonqi żżejjed, kont immur kmieni ħalli nkun 'il quddiem kemm nista'. Kien żmien ieħor!

# Żewġ minuti kollox

***F'żewġ minuti, anzjan attiv jirrakkontalna żewġ ċajtiet***

**Għand il-perit**

Koppja qed jaħsbu biex jiżżewġu marru għand perit biex jagħmlilhom pjanta tad-dar u japplikalhom għall-permessi. Meta wriehom xi pjanti li kellu lesti, l-għarus qallu li m'għoġbu xejn.
"Inti x'għandek f'moħħok?" staqsieh il-perit.
"Pereżempju, il-kamra tas-sodda kif tridha?"
"Tonda!" qallu l-għarus.
"U l-kamra tal-banju?"
"Tonda!"
"U l-kcina?"
"Tonda!"
"U s-salott?"
"Tond!"
"Ismagħmi ftit," qallu l-perit, "hekk ser ikollok ħafna ħela. Hemm xi raġuni għala trid kollox tond?"
"Dażgur!" wieġbu l-għarus, "għax il-kunjata qalet li, la tixjieħ, trid tiġi toqgħod magħna, anki f'rokna!"

**Żewġ Irlandiżi**

Paddy u Mick kienu mexjin fi triq ewlenija fil-belt ta' Manchester. Paddy waqaf quddiem ħanut u ra riklam li ġibidlu l-attenzjoni. "Ilbiesi tal-irġiel, €5.00, qomos €2.00 u qliezet €2.50.
"Mick", qal Paddy lil sieħbu, "il-lostra x'offerta din!. Nistgħu nixtru skoss minn dawn u, meta mmorru lura l-Irlanda, inbigħuhom u nagħmlu profit tajjeb. Issa, nidħlu hawn, int żomm fommok sieket u nitkellem jien biss għax lilek mill-ewwel jagħrfuk li int Irlandiż. Tinsiex, nitkellem jien biss!"
"Kollox sew," wieġbu Mick.
Daħlu fil-ħanut u Paddy, bl-aħjar Ingliż kemm seta', qal, "Jien u sieħbi, nixtiequ nordnaw ħamsin libsa ta' qisien differenti, mitejn qmis kbar, żgħar u medji u ħamsin par qalziet ta' qisien differenti wkoll."
"Jaqaw int Irlandiż?" qallu tal-ħanut.
"Iva; kif indunajt?" qallu Paddy.
"Għax, kieku qrajt l-isem tal-ħanut, kont tinduna li aħna *dry cleaners*, mhux ħanut tal-ħwejjeġ!"

# Il-Papiet u l-Astronomija

*Kitba ta' Tony Tanti, membru tal-Għaqda Maltija tal-Astronomija*

Waqt l-Angelus tal-Ħadd, 21 ta' Diċembru 2008, il-Papa Benedittu XVI sellem lis-sena 2009 li, għall-okkażjoni tal-għeluq l-erba' mitt sena minn meta l-astronomu Taljan, Galileo Galilei, għamel l-ewwel osservazzjonijiet tas-sema permezz tat-teleskopju, ingħażlet mill-Ġnus Magħquda bħala s-Sena Internazzjonali tal-Astronomija. Fost affarijiet oħra, il-Papa qal li wħud mill-predeċessuri tiegħu studjaw l-astronomija. Semma lill-Papa Silvestru li għallem l-astronomija, lil Gregorju XIII li kien responsabbli għall-kalendarju li għadna nużaw sal-lum u lil San Piju X li kien jaf jibni l-arloġġi tax-Xemx.

Il-Knisja Kattolika minn dejjem kellha interess speċjali fl-astronomija.Fil-Medjuevu, din ix-xjenza, saħansitra, kienet fost is-suġġetti li l-istudenti universitarji kellhom jistudjaw qabel jibdew il-filosofija u t-teoloġija. Barra minn hekk, l-astronomija kienet, u għadha, importanti fl-għażla tad-dati meta għandhom ikunu ċċelebrati l-Għid il-Kbir u l-festi marbutin miegħu (Ras ir-Randan, Ħadd il-Palm, il-Ġimgħa l-Kbira, l-Għid il-Ħamsin, u l-bqija) għax dawn huma bbażati fuq kalkoli astronomiċi.

Minkejja dan, ir-relazzjoni bejn il-Knisja u l-astronomija għaddiet minn żminijiet diffiċli meta nqala' diżgwid bejn il-Vatikan u xjenzjati ewlenin, bħal fil-każ ta' Galileo nnifsu li, mill-1633 sakemm miet, fl-1642, inżamm arrestat f'daru talli xandar it-teorija ta' Koperniku li kienet tgħid li d-dinja ddur madwar ix-xemx u mhux bil-maqlub.

**Ir-riforma tal-kalendarju fl-1582**

Il-festa tal-Għid titfagħna f'wieħed mill-episodji l-iktar importanti fl-istorja tal-Knisja, ir-riforma tal-kalendarju, li seħħet fis-seklu sittax fi żmien il-Papa Gregorju XIII. Il-ħtieġa ta' din ir-riforma bdiet tinħass snin wara li l-Konċilju ta' Niċea tas-sena 325 iddeċieda li l-Għid kellu jkun iċċelebrat mill-insara fl-ewwel Ħadd wara l-qamar kwinta li jseħħ fl-ekwinozju tar-rebbiegħa (il-21 ta' Marzu) jew ftit wara. Dak iż-żmien, is-sena kien fiha 365 jum, jew 366 jum f'sena biżestili darba kull erba' snin.

Minħabba li d-dinja tieħu madwar 365 jum u kwart biex iddur dawra sħiħa madwar ix-xemx, l-ekwinozju kien qiegħed javvanza bil-mod u, mill-Konċilju ta' Niċea sas-seklu sittax, l-ekwinozju laħaq avvanza bi kważi għaxart ijiem. Minflok fil-21 ta' Marzu, il-bidu tar-rebbiegħa, fil-verità, kien iseħħ meta l-kalendarju kien juri l-11 jew it-12 ta' Marzu. Imma l-kalkoli tad-data tal-Għid xorta baqgħet issir mill-21 ta' Marzu.

Fl-1576, il-Papa Gregorju XIII waqqaf kummissjoni biex tistħarreġ din il-problema u tagħtih parir kif setgħet tiġi risolta. Il-kummissjoni kienet magħmulha minn prelati tal-Knisja, astronomi, matematiċi u avukat li tqabbdu jiflu l-aspetti kollha tal-problema. Fost dawn, kien hemm il-Malti, Dun Leonardu Abela, li kellu għarfien tajjeb tal-ilsna tal-Lvant Nofsani. Huwa ttraduċa dak li kellu xi jgħid il-Patrijarka Injazju t'Antijokja, tas-Sirja, li wkoll kien membru tal-kummissjoni u li ta l-fehmiet tiegħu bl-Għarbi. Abela ffirma r-rapport li tlesta fl-1582 bħala xhud tal-firma tal-Patrijarka.

Fl-24 ta' Frar tal-1582, il-Papa ħareġ digriet li fih ordna li, minn dik is-sena, isiru ċerti bidliet fil-kalendarju. L-ewwel bidla kienet li l-kalendarju l-antik kellu jitmexxa għaxart ijiem 'il quddiem, hekk li l-għada tal-Ħamis, 4 t'Ottubru 1582 sar il-Ġimgħa, 15 t'Ottubru. It-tieni, li s-sena biżestili kellha tibqa' sseħħ kull erba' snin ħlief għas-snin ċentinarji li m'humiex diviżibbli eżatt bin-numru 400. Xi pajjiżi mill-ewwel għamlu l-bidliet kif ordna l-Papa imma oħrajn damu s-snin qabel ikkonformaw.



*Riljiev fuq il-qabar tal-Papa Gregorju XIII fil-Bażilika ta' San Pietru f'Ruma juri l-Papa jiġi ppreżentat bil-pjan għar-riforma tal-kalendarju.*

**Il-Papa Alessandru VII**

Minbarra dawk li semma Benedittu XVI, papa ieħor li wkoll kien dilettant tal-astronomija kien Alessandru VII. Qabel laħaq papa, Alessandru VII (ismu proprju kien Fabio Chigi) serva bħala inkwiżitur f'Malta bejn l-1634 u l-1639. Interessanti huwa l-fatt li, meta nħatar inkwiżitur, Fabio Chigi ma kellu ebda kariga reliġjuża. Infatti, huwa ħa l-*Ordni Sagri* f'Malta stess u ċċelebra l-*Prima Messa* tiegħu fis-26 ta' Marzu 1635 fl-ewwel knisja li kienet mibnija fil-post fejn illum hemm il-Knisja tal-Lunzjata (magħrufa aħjar bħala tad-Dumnikani) fil-Birgu. Iktar tard fl-istess sena, dan Fabio Chigi nħatar Isqof ta' Nardò fl-Italja, bl-ordinazzjoni ssir fil-Knisja tal-Giżwiti fil-Belt Valletta.

Fabio Chigi għamel bidliet kbar fil-Palazz tal-Inkwiżitur tal-Birgu u bena torri minn fejn seta' jara l-baħar u fejn seta' jistrieħ u jistudja. Aktarx li minn dan it-torri kien josserva l-kwiekeb permezz tat-teleskopji li kellu. Chigi rċieva dawn it-teleskopji mill-Italja wara li, fl-14 ta' Mejju 1635, kiteb lil neputih, Sigismondo Chigi (li, wara, sar kardinal) u talbu biex jibgħatlu teleskopju jew tnejn bħal dawk ta' Galileo, twal mhux iktar minn driegħ jew tnejn għax dak li kellu kien twil wisq u diffiċli biex jużah.

F'ittra oħra tal-11 ta' Ġunju 1635, Chigi rringrazzja lil neputih għat-teleskopji li bagħatlu u qallu li sabhom tajbin. Ma nafux x'kien josserva b'dawn l-istrumenti imma żgur seta' jikkonferma s-sejbiet ta'

Galileo dwar il-kratieri fuq wiċċ il-qamar, il-qmura tal-pjaneta Ġove, il-fażijiet ta' Venere flimkien ma' fenomeni oħrajn. Niftakru li dawn is-sejbiet wasslu lil Galileo biex jikkonferma t-teorija ta' Koperniku u li, minħabba f'hekk, kien ikkundannat mill-Inkwiżizzjoni ta' Ruma.

Wara snin ta' karriera diplomatika, Chigi nħatar kardinal fl-1652 u elett Papa fl-1655. Huwa miet fit-22 ta' Mejju 1667 fl-età ta' tmienja u sittin sena. Matul iż-żmien li Alessandru VII mexxa l-Knisja Kattolika, saru ħafna opri ta' tisbiħ fil-Vatikan, fosthom il-kolonnat maestuż li jdawwar Pjazza San Pietru, xogħol l-artist Gian Lorenzo Bernini.

**L-osservatorju astronomiku tal-Vatikan**

Il-bidu tal-osservatorju tal-Vatikan imur lura għas-sena 1578 meta l-Papa Gregorju XIII ordna li jinbena osservatorju biex isiru l-osservazzjonijiet meħtieġa għar-riforma tal-kalendarju. Iktar tard fis-sekli tmintax u dsatax, twaqqfu għadd ta' osservatorji oħrajn madwar Ruma, fosthom fil-Collegio Romano u fit-Torre dei Venti, fil-Vatikan stess. Imma t-taqlib politiku fl-Italja fis-seklu dsatax wassal biex dawn l-osservatorji waqgħu f'idejn il-gvern Taljan. Għalhekk, fl-1891 il-Papa Ljun XIII ħareġ *Motu Proprio* li, permezz tiegħu, inbena osservatorju ġdid fil-Vatikan.

Fost ix-xogħlijiet l-iktar importanti li saru, kien hemm il-parteċipazzjoni fi proġett internazzjonali biex issir il-*Carte du Ciel*, mappa dettaljata tal-kwiekeb. Fil-bidu, il-proġett kien immexxi mill-Patri tal-Ordni tal-Barnabiti, Francesco Denza imma, wara mewtu, ħa t-tmexxija



l-Ġiżwita John Hagen. Erba' sorijiet tal-karità ta' Marija Bambina ħadu ħsieb il-kejl tal-pożizzjonijiet tal-kwiekeb mir-ritratti tas-sema li ttieħdu permezz tat-teleskopji.

Fil-bidu tas-seklu li għadda, it-tniġġis mid-dawl fil-belt ta' Ruma għamilha impossibbli li jibqgħu jsiru osservazzjonijiet mill-Vatikan. Għaldaqstant, fis-snin tletin, il-Papa Piju XI mexxa l-osservatorju lejn l-għoljiet ta' Castel Gandolfo, madwar ħamsa u għoxrin kilometru fix-xlokk ta' Ruma. Imma l-istess problemi ma damux biex ħakmu lil Castel Gandolfo wkoll u l-Vatikan ħa deċiżjoni kuraġġuża li jwaqqaf osservatorju b'teknoloġija avvanzata fl-Amerka. Fl-1993, fuq Mount Graham, f'Arizona, beda jaħdem il-*Vatican Advanced Technology Telescope* (VATT) li għandu mera b'dijametru ta' kważi żewġ metri.

Ir-riċerka li qed ssir illum il-ġurnata permezz tal-VATT żgur ma kinitx tkun possibbli li ssir minn Ruma. L-osservatorju l-qadim f'Castel Gandolfo għadu jeżisti u, illum, qed jintuża biex isiru attivitajiet għall-pubbliku biex ikompli jikber l-għarfien tal-oġġetti li naraw fis-sema u tal-astronomija ġenerali.

---



# Jista' jkun?

## Kitba ta' Carmen Dimech

Tgħid jista' jkun li Sant' Antnin ħareġ bil-pensjoni? Għax donnu m'għadux jaħdem iktar. Dari, kull meta kont nitlef oġġett, kont nitolbu: "Sant' Antnin, sibli l-ħwejjeġ mitlufin!" U kien isibhomli; mill-ewwel! Anzi, ommi kienet iżżid biċċa oħra wkoll għax kienet theddu li: "inkella noħodlok il-Bambin!" U aqta' kemm kien jaqdiha malajr.

Imma, dan l-aħħar, għalxejn nitolbu u nheddu u ngħidlu l-ġakkulatorji għax qed nibqa' ma nsibx dak li nkun tlift. Ma nafx imma għidt, forsi qed nitlob ħażin? Għax jien, eżattament, mhux nitlef l-affarijiet qegħda imma aktar qed ninsa fejn inkun qegħedthom.

Ngħid il-verità, issa qed ninkwieta. Sal-bieraħ stess, insejt fejn kont qegħedt il-portmoni tal-flus għax, għalkemm flus ma tantx kien fih, kelli l-*ID Card* ġo fih u dik trid tgħaddi minn ħafna nkwiet biex terġa' tapplika għaliha, tagħmel affidavit li vera tliftha u jagħmlulek oħra. Fittixt u qallibt kullimkien u tgħidx kemm tlabt lil Sant' Antnin u hedditu u għidtlu ġakkulatorji li, dari, kien jogħxa jismagħhom. Imma kollu għalxejn.

Lanqas temmnu! Mela mmur niftaħ il-*fridge* biex inġib xi ħaġa u x'taħsbu li kien hemm fuq l-ixkaffa ta' fuq, maġenb il-perżut u l-ġobon tal-ħakk? Iva, qtajtu; il-portmoni! U din qed tiġrili ta' spiss dan l-aħħar. Ma naħsibx li hi dimenzja. Naħseb li għadni kemm kemm 'il bogħod biex nasal f'dak l-istat.

Imma, jaħasra, Sant' Antnin kien qed jaqdini tajjeb tant! Allura, jekk ħareġ bil-pensjoni, tgħid huwa ma ħasibx biex iħalli lil xi ħadd warajh li jkun jista' jkompli din il-missjoni qaddisa minfloku u aħna nkunu nistgħu nitolbu lilu? Għidt, forsi kellu xi tifel li seta' ħa l-mestier ta' missieru! Imma, f'idejh, Sant' Antnin il-Bambin għandu u dak nafu żgur li mhux tiegħu.

Jista' xi ħadd jgħarrafni, jekk jogħġobkom, jekk, fil-Ġenna, hemmx xi deputat ta' Sant' Antnin għand min nista' nirrikorri f'sitwazzjonijiet bħal dawn, qabel dan l-istat mentali tiegħi jkompli jiggrava? Nirringrazzjakom minn qalbi.

# Il-Ħanut ta' Dimitri

***Novella ta' Jordy-Paul Ġellel***

Kien ilu jħoss li hemm xi ħaġa ħażina fil-karozza għall-aħħar għoxrin minuta imma l-konferma waslet xħin għadda wieħed b'*volvo* kannella mill-karreġġata ta' ħdejh, paqpaqlu tnejn u għajjat, "Għandek panċer sieħbi!"

Dennis żarrat waħda kif kien jaf hu – vizzju li wiret mingħand missieru u mingħand nannuh qablu – u beda jaħseb x'kienet l-aħjar soluzzjoni. Kienu l-erbgħa nieqes għoxrin ta' filgħodu. Wara serata jixrob, din kienet l-aħħar ħaġa li kellu aptit. Imma kien jaf li mhux ta' min isuq fuq *tyre* nofs kedda. Kif kien qed jittawwal biex jara fejn ser isib roqgħa dawl u jieqaf taħtha, ra t-tabella: "*Dimitri's Puncture Repairs Open all night long – from sunset till sunrise!*"

Kellu jogħrok għajnejh darbtejn biex jikkonferma li qed jara sew. "Dan minn mindu bdew jeżistu l-ħwienet – iktar u iktar f'Malta – li jaħdmu biss minn inżul ix-xemx sa tlugħha?" beda jħewden. Fl-istess nifs, Dennis ħa r-ruħ. Tiġih kemm tiġih, hemm kien dieħel, biex ma jsirx għarqan xraba jissara mar-rota. Kiser għal fuq ix-xellug u daħal f'għalqa kollha ħaxix ħażin fejn, xi darba, kien hemm pompa tal-petrol. Issa, kienet mimlija *tyres* ta' kull daqs. Tuzzani ta' roti mimdudin fuq xulxin, skjerati f'kolonni waħda ħdejn l-oħra. It-*tyre* ta' fuq nett ta' kull kolonna kien wieqaf, qiesu għajn qed tistudja lil kull min jazzarda jirfes 'il ġewwa.

Xi ħaġa sewda għaddiet ittir b'mod erratiku minn quddiem il-*windscreen*. Dennis inħasad u żamm il-brejk. Miljun ħsieb għadda minn moħħu f'dik is-sekonda. Imma ma damx wisq ma nduna li ma kien xejn għajr farfett il-lejl. Mingħajr ma ried, infaqa' jidħaq. Huwa kien liebes kustum tal-Konti Drakula; kien l-aħħar *weekend* t'Ottubru u l-festin li kien sejjer lura d-dar minnu kien tal-*Halloween*. Farfett il-lejl kien l-aħħar ħlejqa li vampir suppost li kellu jaħsdu!



Kompla jsuq 'il quddiem bil-mod. Id-dawl fl-għalqa ma kienx qawwi. Li ma kienx għall-qamar kwinta, kien ikun kważi dlam ċappa. Ma riedx jibqa' dieħel f'xi ħaġa. Ġibed lejn il-kmajra li kien hemm f'rokna tal-għalqa, minn fejn kien ħiereġ dawl inemnem, qisu ta' xemgħa ħamra minn dawk li jpoġġu fuq il-lapidi fiċ-ċimiterji, jew dawk il-bozoz tal-elettriku oranġjo li nanntu kienet iżżomm quddiem santa tar-Redentur.

Waqaf u tefa' l-magna. Qabel ħareġ mill-karozza, beda jtella' u jniżżel jekk għandux jistenna sa filgħodu u jmur xi mkien ieħor. Il-post xejn ma kien jilqgħek. Imma, la kien wasal s'hawn, iddeċieda li jeħles. Kif għalaq il-bieba tal-karozza warajh, l-ewwel li laqtu kien is-skiet taqtgħu b'sikkina. Lanqas il-karozzi għaddejjin mit-triq ma kienu jinstemgħu; qisha l-għalqa kienet maqtugħha għaliha, f'xi dimensjoni oħra! Mar biex iħabbat imma, kif għolla jdejh, il-bieb tal-injam, biż-żebgħa kollha mqaxxra, inġibed lura waħdu!

Dennis ma setax jara d-dettalji ta' wiċċ min fetaħlu minħabba li d-dawl kien ġej minn warajh. Imma l-forma tiegħu kienet ċara: raġel pjuttost qawwi bi spallejh wesgħin. Xagħru twil u żejtni, bi troffi mwaħħlin ma' ħaddejh.

"Mingħalija li baqagħlu xi erba' xhur oħra l-Karnival!" qallu dak.

Għall-mument, Dennis infixel. Imbagħad ftakar fil-kustum. Ipprova jispjegalu li kien ġej minn *party* tal-*Halloween* imma dak ir-raġel ma tantx deher li fehem. "Għandi panċer," qallu biex jaqta' fil-qasir u jiġi għall-punt ħalli jeħles. "Tagħmiluli?"

"Mela le," wieġbu. "Idħol ġewwa u ħalli f'idejja; toqgħodx fis-sirda!"

Dennis ma kienx qed iħoss xi kesħa imma ma kellux aptit joqgħod jistenna bilwieqfa sakemm Dimitri jsewwilu l-panċer. Fil-kamra kien hemm xi erba' siġġijiet nofshom żdingati li mhux żgur seta' jazzarda jpoġġi fuq xi wieħed minnhom mingħajr ma jissogra li jinqasam bih. Intefa' fuq l-inqas wieħed inkallat u beda jħares madwaru. Il-kamra kienet ikbar milli ħaseb meta raha minn barra. Fin-nofs, kien hemm mejda tonda bis-siġġijiet imdawrin magħha, ebda wieħed ma jaqbel mal-ieħor. Kien hemm salt armarji, xi wħud minnhom bil-bieba nieqsa u, fuqhom, għadd ta' għodda inklużi dawk li ma jidhrux li għandhom x'jaqsmu mal-mestier ta' Dimitri. Jistrieħ fuq ftit *tyres,* kien hemm banju taż-żingu. Kollox miksi b'lega skura ta' swiedija u ħmieġ.

Kif issoppona qabel daħal, id-dawl kien ġej minn bozza tal-elettriku. Kienet imwaħħla mal-ħajt u mdawra b'għexieren ta' santi tal-mejtin; l-iktar riċenti jkanġu fil-blu filwaqt li dawk li xi darba kienu bojod issa saru sofor lellux. Dennis qam u mar jiflihom iktar mill-qrib. Wieħed mill-ismijiet deher familjari. Wara ftit tal-ħin jissielet miegħu nnifsu, irnexxielu jiftakar. Ħames xhur qabel, kien fl-aħbarijiet; miet b'aċċident tat-traffiku fi Triq il-Kosta. Kien iżgħar minnu.

"Aħħ!" lissen Dennis. Biex resaq eqreb lejn is-santa u qara l-isem, poġġa jdejh fuq l-armarju u subgħajh straħu fuq biċċa għodda kollha ponot. Kienet iktar qisha xi strument tat-tortura ta' żmien l-inkwiżizzjoni milli xi ħaġa li għandek bżonn biex issewwi panċer!

Biex żgur ma jkollux iktar inċidenti, u anki għax donnu beda jħossu ftit stordut, reġa' mar lura bilqiegħda. Għaddew ftit minuti u bdiet taqbiżlu jistenna. Minn barra, ma kien jinstema' ebda ħoss u kien ser joħroġ biex jara Dimitri fiex kien wasal. Imma ħass bħal ħedla tqila taqa' fuqu. Ilbieraħ, kellu ġurnata twila; filgħodu xogħol, avolja s-Sibt, imbagħad nofstanhar qadi u filgħaxija l-*party* li ma bbasta jispiċċa qatt. Mhux ta' b'xejn li kien bi ngħas. Mingħajr ma jaf, għajnejh ingħalqu u, fi ftit sekondi, kien rieqed.

"Qum għax daqt jisbaħ!" Hekk kif ħass id Dimitri ċċaqlaqlu spallejh, Dennis qabeż żewġ piedi minn fuq is-siġġu. Għall-mument, ma setax jaqbad tarf fejn kien qiegħed. Imbagħad, għajnejh waqgħu fuq is-santi tal-mewt, faċċata tiegħu, u ftakar.

"Il-panċer lest?' staqsa.

"Mhux il-panċer biss," qallu Dimitri. "Kelli nibdillek it-*tyres* kollha għax kollha kienu waslu biex imorru!"

Dennis tfantas u beda jhewden. Lil dan min tah il-jedd jaqbad u jibdel kif irid mingħajr ma jgħidli? Min jaf kemm se jeħodli issa! Imma ma damx jinkwieta wisq għax, hekk kif Dimitri qallu l-prezz, skanta kemm kien irħis.

"Dak kollox? Żgur?"

"Ma nħobbx nagħfas lil dak li jkun, jien," serraħlu rasu Dimitri hekk kif waddab il-flus f'kaxxa żgħira tal-landa. "Speċjalment ma' rġiel bħalek, għadkom tibdew id-dinja. Il-lejl it-tajjeb. Jew il-jum it-tajjeb issa."

Dennis ħares barra mit-tieqa u ra li, fil-fatt, Dimitri kellu raġun għax kien wasal biex jisbaħ. Imnalla li kien il-Ħadd u seta' jorqod kemm irid. Ta titwila lejn it-*tyres* il-ġodda, innota kemm ileqqu, daħal fil-karozza u beda jsuq.

Imma ma damx wisq biex induna li xi ħaġa ma kinitx f'postha. L-ewwel sinjali kienu żgħar: Dennis dawwar l-istering naħa u l-karozza damet sekonda biex obdiet. Minn daqshekk biss ma tax wisq kas. It-*tyres* għadhom qed joqogħdu, ħaseb. Imma, ftit minuti wara, kiser lejn ix-xellug u, minflok, il-karozza marret lejn il-lemin. Beda jitħasseb u ddeċieda li jieqaf ħalli jagħti titwila. Imma t-*tyres* ma riedux jafu! Jagħfas kemm jagħfas il-brejk, it-*tyres* baqgħu iduru. Kienu qed jobdu liġijiet oħrajn, 'il bogħod minn dawk tal-fiżika. Ċertament li ma kienux qed jagħmlu dak li riedhom Dennis.

B'idejh idawru l-istering fil-vojt, Dennis ikkunsidra jippruvax joħroġ mill-karozza. Imma, immedjatament, it-*tyres* bdew iduru b'iktar saħħa u jżidu fil-veloċità. Ma kellux dubju li, kieku kellu jiftaħ il-bieba u jaqbeż, ma kienx jirnexxielu jqum mill-art. It-*tyres* għamlu l-aħħar sforz u daħħlu l-karozza ġo ħajt b'veloċità qawwija. Il-ħabta tant kienet kbira li, saħansitra, qajmet lil xi wħud iktar kmieni mis-soltu. Fi ftit minuti, waslu l-pulizija u l-ambulanza bis-sireni mixgħulin. Imma l-paramediċi ma damux wisq biex xenglu rashom. Il-gazzetti onlajn ukoll ma tantx damu biex ħabbru lill-qarrejja tagħhom li x-xahar ta' Novembru beda b'vittma ieħor tat-traffiku. U filgħaxija isem Dennis issemma fuq l-aħbarijiet. L-awtopsja wriet li kellu livel għoli ta' alkoħol u, fuq il-programmi ta' diskussjoni, reġa' tqajjem l-argument jekk għandux ikun hawn iktar infurzar strett tal-liġijiet biex ħadd ma jixrob u jsuq.

Dimitri kien qed jieħu bela' te meta dehret. Bħalma tagħmel dejjem, ħarġet mill-iktar rokna mudlama tal-kamra, fejn kellu l-armarju bil-mera mxaqqa. Darba kienet qaltlu li jisimha Ċensa imma f'moħħu dejjem kien jirreferi għaliha bħala l-mara tal-għonnella, minkejja li mhux dik biss tilbes. Quddiem wiċċha, kellha velu ta' lewn aħmar skur li, minħabba fih, Dimitri qatt ma ralha wiċċha u, għax jaf min hi, kien jippreferi hekk.

"Ħsibtek mhux ġejja, wara x-xogħol kollu li ħadt," gergrilha Dimitri minn taħt l-ilsien. Għalkemm kien ilu jafha ftit sekli mhux ħażin, xorta waħda baqa' jibża' xi ftit minnha.

Minkejja dan, Ċensa semgħetu u malajr weġbitu: "Mela ħsibtni qiegħda miegħek biss? Iktar ma tiżdied il-popolazzjoni tad-dinja, iktar ikolli x'nagħmel jien!"

"Mela ejja ħalli ma ndumux! Għadu żgħir dak li bgħattlek illum u kien jidher b'saħħtu wkoll. Suppost li għandu jiswa daqsxejn mhux ħażin! Mhux hekk?"

Ċensa ħallietu ftit mumenti jistenna. L-hena tagħha tinkih. "Li ma kienx għalik, sitt snin oħra kien jiżżewweġ," qaltlu. "Sakemm kien jagħlaq ħamsa u tletin, kien ikollu żewġt itfal u, wara ftit snin jeqred għan-neputijiet, kien isir nannu wkoll. Imma ma kienx jilħaq jarahom jagħmlu l-preċett."

"Imma xorta ħadtlu ftit deċennji mhux ħażin, hux?"

Ċensa ma setgħetx ma taqbilx miegħu. "Intik għoxrin sena għalih!"

"Ma tarax! Ħaqqni, tal-inqas, erbgħin!"

Bħas-soltu, baqgħu jargumentaw ftit sakemm, fl-aħħar, sabu t-triq tan-nofs u qablu fuq tletin sena.

"Tridhom kollha għalik?" staqsietu.

"Aqsam għaxra minnhom bejn it-tfal imma l-għoxrin l-oħra għalija, iva. Qed inħossni nikber dan l-aħħar; għandi bżonnhom!"

"Tista' toħodhom kollha jekk trid. Għalija ma tagħmilx differenza. Ma tantx jinteressani x'tagħmel bihom. Ġib idejk!" ordnatlu.

Dimitri ħareġ idejh ix-xellugija. Ċensa baxxiet rasha, ressqet il-velu minn quddiem wiċċha u biesitlu l-pala. Xufftejha kienu keshin silġ u l-bewsa tagħha baxxietlu t-temperatura ta' ġismu kollu b'xi grad jew tnejn. Imma kien jaf li dak l-effett jgħaddi wara ġimgħa. Sebat ijiem skumdità kienu prezz pjuttost baxx għas-snin kollha li xtara għalih u għal uliedu. Kien ilu jagħmel dax-xogħol minn mindu ltaqa' ma' Ċensa l-ewwel darba; xi tmien mitt sena qabel! U, għalkemm kultant iħossu ftit ħati ta' kemm nies bagħat id-dinja l-oħra qabel il-waqt, fil-fond ta' qalbu kien jaf li hekk ser jibqa' jagħmel.

# Mill-ktieb tat-tifkiriet
# *'Fjuri li ma Jinxfux'*
### tal-Prof. Oliver Friggieri




## Ftit eluf ta' nies maqsumin fi tnejn

Id-differenzi kienu, bħallikieku, idubu fil-beraħ ta' Fuq il-Fosos fejn id-divertiment sempliċi kien wieħed għal kulħadd u fejn il-Knisja ta' San Publju kienet, kif għadha, taħkem weħidha fuq il-misraħ kollu. Imma l-Furjana kellha xi ħaġa li kienet tassew taqsamha fi tnejn: il-ħajt tal-Mall, minn fejn tibda Balzunetta. Il-ħajt ta' Balzunetta. Hekk kienet tinfired il-Furjana tan-naħa t'isfel mill-Furjana tan-naħa ta' fuq, Balzunetta. Kien hemm, madankollu, ċertu bilanċ bejniethom. Iż-żewġ fethiet kbar tal-Furjana - Fuq il-Fosos u x-Xagħra - kienu mqassmin waħda f'ta' isfel u l-oħra f'ta' fuq. U, bejniethom, il-ħajt li kien jifred ġemgħa ta' ftit eluf. Meta l-ħajt twaqqa', jidhirli fil-ħamsinijiet, saret ħaġa tassew tajba u n-nies ta' Balzunetta ma baqgħux iħossu ruħhom bħallikieku maqtugħin għalihom weħidhom. Il-Mall, aktar minn qatt qabel, sar il-ġnien ta' kulħadd. Ftit snin wara, jidhirli wkoll fis-sena taċ-ċentinarju ta' San Pawl, fl-1960, il-purċissjoni tal-festa bdiet titla' Balzunetta wkoll.

Kienet rebħa kbira għalina li konna noqogħdu hemm. Għadd ta' rġiel ta' ħila, dilettanti tal-festa, daħlu għax-xogħol b'ruħhom u b'ġisimhom biex iħejju l-armar. Niftakar li kont impressjonat u fraħt ħafna meta smajt l-ewwel musketterija tinħaraq minn fuq xi wieħed mill-bjut fi Triq il-Konservatorju, biswit l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes. Issa, aħna wkoll bdejna nħossu ruħna "tal-festa". Anki aħna, li konna fix-xifer, f'Misraħ San Kalċidonju, fejn, madankollu, il-purċissjoni xorta waħda ma setgħetx tgħaddi. Mur ikkuntenta lil kulħadd!

Il-ħajt waqa' u, miegħu, waqa' simbolu ikreh ta' differenzi żejda. Imma Balzunetta kellha l-glorji tagħha wkoll. Hemm kien hemm l-uffiċini tas-Servizzi Ingliżi li, għal missieri u għalina, kienu jfissru l-ħobża ta' kuljum u, hekk ukoll, għal bosta Maltin li kienu jiġu kuljum għax-xogħol minn Malta kollha. Maż-żmien, l-istess spazju ttieħed mill-Gvern Malti u llum għandu hemm għadd ta' ministeri u uffiċċji. Hemm ukoll, kif kien hemm sa minn tfuliti, id-Dar Ċentrali tal-Korp tal-Pulizija. Sewwa sew minn quddiem id-dar tagħna, konna naraw ħerġin jiġru l-karozzi ħomor tat-tifi tan-nar, il-*fire engines*. Xena ta' sikwit: jasal messaġġ, iddoqq qanpiena u tara l-pulizija minnufih jieħdu posthom b'sens kbir ta' dmir u joħorġu jiġru bil-karozzi, bil-qniepen tagħhom idoqqu u jerħulha lejn fejn ikun seħħ xi ħruq. Aħna konna nixirfu fit-tieqa tal-gallerija u naraw kollox u konna nistennew il-karozzi ġejjin lura xi ħin wara biex insiru nafu x'ġara. Mid-Dar Ċentrali tal-Pulizija konna naraw ħierġa wkoll il-Kavallerija, ġemgħa ta' żwiemel sbieħ u mdaqqsin, bil-pulizjotti lebsin b'uniformi speċjali rekbin fuqhom. Il-Kavallerija kienet toħroġ biex tieħu sehem f'xi festa pubblika, ċivili jew reliġjuża u kienet attrazzjoni ewlenija, l-iżjed fil-parati tas-suldati li kienu jsiru fix-Xagħra. Aħna, it-tfal ta' Balzunetta, kien ikollna kurżità kbira mmorru naraw iż-żwiemel fl-istalel. Jien wieħed mill-ħafna li baqgħu bix-xewqa.

Quddiem dak li kien magħruf bħala l-Isptar Ċentrali, kien hemm is-Seminarju Minuri u Maġġuri li, imbagħad, sar il-Kurja. Is-Seminarju Minuri kien iġib lejn il-Furjana mijiet kbar ta' studenti subien minn Malta kollha. Kien wieħed mill-aħjar skejjel sekondarji u hekk għadu llum li jinsab f'Tal-Virtù, ir-Rabat. Fi tfuliti, kien skola mixħuta l-iżjed fuq il-lingwi li, fosthom, kien hemm il-Grieg u l-Latin u, hemm, fost l-oħrajn, kelli x-xorti nitgħallem dawn iż-żewġ ilsna għal snin twal biex stajt inkompli nistudjahom ukoll tul l-ewwel sentejn tal-kors universitarju. Aħna l-istudenti konna nimlew Balzunetta u nagħtuha l-lewn ta' blu skur, il-lewn tal-ġlekk tal-uniformi li fuqu kellna l-arma ta' San Pawl, bis-sejf u bix-xabla.

# APPELL

**Nirringrazzjaw lil dawn is-Sinjuri li semgħu l-appell tagħna u għoġobhom jagħmlu donazzjoni lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani biex jgħinuna nkopru ftit l-ispejjeż u biex inkomplu mexjin 'il quddiem fuq dan il-proġett fejjiedi għall-anzjani tagħna:**
Is-Sinjura Carmen Dimech (Ħaż-Żebbuġ) - €10.00
Is-Sur Frank u s-Sinjura Mary Anne Agius (Sta. Luċija) - €22.00
Is-Sur Paul C. Debono (Naxxar) - €10.00
L-Ghaqda Pensjonanti Telemalta/Maltacom/Go - €50.00

**L-Editur**
Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jippubblika din ir-rivista "L-Anzjani Llum" kull 3 xhur. Din ir-rivista mill-anzjani għall-anzjani għandha ċirkolażżjoni ta' 2,500, titqassam ukoll lis-Segretarjat għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva, il-Kunsilli Lokali kollha, Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, id-Djar tal-Anzjani kollha (tal-Gvern, tal-Privat u tal-Knisja), kif ukoll l-anzjani individwali li huma abbonati.
Din ir-rivista hija ta' interess u informazzjoni għall-anzjani fejn ninkuraġġuhom ikunu aktar attivi, fiżikament u mentalment. Għaldaqstant napprezzaw ħafna li tagħtuna donazzjoni biex inġibulkom messaġġ promozzjonali f'din ir-rivista, biex dan l-iskop fejjiedi jkun jista' jitkompla.
Grazzi bil-quddiem

# Ranesh

*Novella ta' Lina Brockdorff*



Doreen u Alex kien ilhom tliet snin miżżewġin u, aktar ma xtaqu jkollhom it-tfal mill-ewwel, aktar ma kienx hemm ebda sinjal. Darba minnhom, bdew jitħajru jaddottaw tarbija u, billi kienu fi grupp tal-Missjoni li jiġbor il-flus għal Madre Tereża, iddeċidew li, jekk jaslu biex jaddottaw, jagħżlu tifel jew tifla mill-Indja. Bdew il-proċess, li kien twil mhux ħażin, u kważi qatgħu qalbhom għax kienu jgħaddu xhur sħaħ bla ma jaraw ebda progress. Ma kinux jimmaġinaw li l-istorja ser tieħu daqshekk fit-tul. Mill-banda l-oħra, ma setgħu jagħmlu xejn biex jgħaġġlu l-proċess.

Tistgħu timmaġinaw kemm skantaw meta sabu li Doreen kienet qed tistenna tarbija. Għalkemm xorta baqgħu tal-fehma li jaddottaw, issa moħħhom kien biss fuq it-tarbija tagħhom li, fl-aħħar, waslet. Kienet tifla li semmew Celine. Kienu mitlufin fuqha u ftit li xejn baqgħu jsemmu t-tarbija li xtaqu jaddottaw. Ħasbu li dik l-applikazzjoni li kienu għamlu kienet spiċċat għalkollox. Imma ma kienx hekk għax, meta Celine kellha erba' snin, irċevew l-aħbar li setgħu jaddottaw tifel mill-Indja. Waqt li Celine baqgħet man-nanna, huma marru għaliha u, wara ftit tal-jiem, ġew lura b'tifel ta' xahar jismu Ranesh.

Tarbija żgħira teħtieġ attenzjoni kbira l-ħin kollu u dan xejn m'għoġob lil Celine. Ħassitha mwarrba u, minħabba f'hekk, lil Ranesh bdiet tarah żejjed. Għall-ewwel, dan bdiet turih bil-biki għalxejn, billi tirrifjuta l-ikel, ma tobdix u ssabbat riġlejha mal-art. Aktarx li mmaġinat li, b'dawn il-mutetti, kienet ser tkeċċi lil Ranesh mid-dar. Meta rat li ma rnexxilhiex, bdiet tattika oħra. Erħilha tmur toqros liċ-ċkejken meta jkun rieqed u dak, miskin, f'salt jinfexx iwerżaq. Naturalment, xi daqqa fuq idejha kienet taqla' u dan aktar ħarraxha kontra ż-żgħir.

Meta bdiet tikber, il-ġenituri ppruvaw ifhemuha bil-ħlewwa li Ranesh huwa ħuha u li, għalhekk, għandha tħobbu. Imma hi kienet twieġeb: "Dak mhux veru ħija! Intom tgħiduli li l-Bambin lili bagħatni mill-Ġenna filwaqt li, għal dak, mortu l-Indja, mhux il-Ġenna! Għalhekk mhux abjad bħali dak!" Qatt ma kienet tgħajjatlu b'ismu imma kienet tirreferi għalih bħala dak.

Iż-żmien baqa' għaddej, it-tfal kibru u bdew imorru l-istess skola. Celine qatt ma bidlet l-attitudni tagħha lejn Ranesh waqt li hu kien tant ġentili ma' kulħadd, speċjalment magħha. Kieku qatt għadda xi kumment dwar ir-relazzjoni stramba li kien hemm bejnu u bejn oħtu; kien jaċċettaha bħala ħaġa normali.

Celine ma tantx kienet akkanita għall-iskola. Tat, darba, l-eżami tal-Livell Ordinarju li minnu għaddiet minn ħames suġġetti u xejn iktar; sabet impjieg u daqshekk aktar skola. Għall-kuntrarju, it-tifel kellu moħħu tajjeb u jistudja ma kien jiddejjaq qatt. Rari kien joħroġ jew imur xi festin għax ħbieb wisq ma kellux u oħtu qatt ma tħajret toħorġu magħha; ma tarax! Ma sħabha, dejjem innegat li hu ħuha u kienet tgħid li l-ġenituri tagħha kienu ġabruh minn fuq miżbla, fl-Indja.

Din l-attitudni ta' Celine tgħidx kemm kienet tinkwetahom lil Doreen u lil Alex. Kienu joqogħdu b'seba' għajnejn kif iġibu ruħhom ma' wliedhom biex ma juru ebda preferenzi; anki kif ikellmuhom. Imma, waqt l-ikel, kienu jagħtu d-dritta lil Celine kemm għax kienet il-kbira kif ukoll bħala sinjorina. Celine kienet tippretendi dik id-dritta fuq it-tifel u mhux l-ewwel darba li ssuġġeriet x'kellha ssajjar ommha għall-għada. Ranesh kien jiekol kollox u ma kellux ħmerijiet.

Ranesh tħajjar jibda l-Università imma ma setax jiddeċiedi liema kors jaqbad. Għamel jiem imħasseb imma kliem mal-ġenituri mill-inqas. F'xi waqtiet, bdew anki jissuspettaw li forsi kien qed jitħajjar imur lura l-Indja biex ifittex xi nies tal-familja tiegħu. Imma ma kienx hekk; kienet storja differenti għax kien qed jikkonsidra bis-serjetà jekk kellux vokazzjoni jsir saċerdot. Mar ikellem lir-Rettur tas-Seminarju u, wara ħafna laqgħat, Ranesh serraħ moħħu li kien eżattament dak li xtaq jagħmel minkejja li dan kien ser jitlob minnu snin twal ta' studju flimkien mal-firda mill-familja biex jgħix is-Seminarju.

Tistgħu timmaġinaw kif iċċassat Celine meta semgħet din l-aħbar. "Minn dejjem kien stramb dak! Ma nistenniex aħjar minnu! Issa l-mamà u l-papà iktar ser ikollhom biex jiffanfraw bih!"

Alex u Doreen ħassew il-vojt tiegħu mid-dar billi hu rari kien jiċċaqlaq minn hemm ġew. Ma nistgħux ngħidu l-istess għal oħtu; bilfors, għax dik rari kont issibha d-dar. Jekk mhux ix-xogħol, għid li ser tkun barra mal-ħbieb, moħħha biss fix-xalar. Kienet ilha tgħid li qed tfaddal il-flus biex, xi darba, tixtri karozza jew mutur. Missierha u ommha nħasdu malli semgħu il-kelma mutur! Bdew jaraw kif jipperswaduha biex tinsih imma hi wieġbet li dak orħos minn karozza. Saħansitra, offrew li jgħinuha biex żgur iserrħu moħħhom li ma tixtrix mutur u, fl-aħħar, irnexxilhom.

Ittamaw li, b'hekk, ser isolvu l-problemi tal-ħruġ ta' Celine imma, b'xorti ħażina, il-każ ma kienx hekk għax iktar bdiet tittardja biex tidħol id-dar. Għall-ewwel, il-

ġenituri kienu jibqgħu mqajmin jistennewha imma, fid-dinja, għalkollox hemm limitu għax li toqgħod tistenna kuljum sas-sagħtejn ta' filgħodu kien impossibbli, barra li, bl-inkwiet, il-pressjoni bdiet tiela' wkoll. Għaldaqstant, iddeċidew li jagħlqu għajn waħda u jagħmlu tabirruħhom li ma jafux xħin daħlet.

Ranesh kien ilu tliet snin li sar saċerdot. Kien jagħti s-servizzi tiegħu f'parroċċa ta' raħal qrib imma, filgħaxija, jorqod id-dar t'ommu. Kien il-konsolazzjoni tagħhom u kien hu li pperswadihom jidħlu jorqdu u ma joqogħdux jistennew lil Celine kull filgħaxija.

Lejla minnhom, semgħu il-qanpiena tal-bieb ta' barra. Ranesh ma ħallihomx jinżlu jiftħu huma. Mar hu u, ma' wiċċu, jilmaħ żewġ pulizija li, fi ftit kliem, qalulu li Celine kienet involuta f'ħabta u li kienet tinsab ħażin l-isptar. Alex, Doreen u Ranesh telqu lejn Mater Dei dak il-ħin stess imma tista' tgħid li marru għalxejn għax b'ebda mod ma ħallewhom jidħlu ħdejha għax kienet madura sew u mhix konxja.

Għaddiet ġimgħa li fiha kemm il-ġenituri u kemm Ranesh baqgħu ma ċċaqalqux minn fuq bank qrib il-kamra fejn kien hemm Celine. Rari kienu jħalluhom jittawlulha għal ftit minuti; baqgħet m'għamlitx progress. Darba minnhom, ners sejħet malajr lil Ranesh għax kienet taf li hu saċerdot. Tagħtu *overall* u beritta bajda u daħħlitu ħdejn oħtu.

B'għaġeb kbir ta' kulħadd, Celine bexxqet kemxejn għajnejha, bdiet tirrealizza fejn kienet u ħasset par idejn sħan fuq idejha. Refgħet għajnejha u lemħet dak il-wiċċ familjari imma damet ftit biex ftakret ta' min kien. Iva, dak kien ħuha Ranesh! Ranesh li kien qed jitbissmilha. Minn dak il-ħin, bdiet taqleb għall-aħjar u, minn dakinhar, f'qalbha nibtet imħabba kbira lejn ħuha, Ranesh.

---

# The unexpected

***A short story by Liz Bajada***



Geoffrey Simms was an only child. He was a quiet boy who did his best at school and was popular with most of his classmates. His father's advice was always this: "Geoff, you don't behave to others in a gentlemanly manner because they are gentlemen but because you are one!" By and by, Geoff started attending university, obtained a degree in business studies and decided to join his father's flourishing business in the digital field. This technology was still in its infancy when Albert Simms started the business. He had realised that technology was the world of the future. While Geoff was studying for his degree, he met Janet, a student attending a teaching course. On Graduation day, Geoff and Janet decided to tell their parents that they were in love and that they wished to spend the rest of their lives together. It was at this point that Geoff's father started thinking of retiring.

Some five years had passed when Geoff and Janet, now expecting their first child, were able to move into a small, quaint house close to Geoff's mother and father. James, their first-born son, brought great joy to both his parents and his grandparents. Two more years down the line saw the arrival of a second child, Alice. Geoff felt that his life was now complete. What with such a wonderful wife, two lovely kids, the house of their dreams and a thriving business; he was on the top of the world. After the birth of their first-born, Janet had given up her carrier as a qualified teacher. Geoff looked forward to going home in the evening where he always got a warm welcome from his wife and kids. What more could he want?

Suddenly, like a bolt from the blue, the unexpected happened. It was when the family were celebrating Alice's first birthday that Janet started to feel not quite herself. Initially, she ignored the symptoms but, when the pain persisted, she decided to tell Geoff and seek professional help. This initiated a saga of visits to clinics and hospitals. In the end, Janet was diagnosed with a terminal decease and the doctors advised Geoff to expect the worst. When he heard the news, Geoff thought that he was living a nightmare and that he would soon wake up to find his lovely wife sleeping peacefully beside him. But this was not to be. Janet, the love of his life, was taken away from him in a couple of months. His whole world seemed to collapse and crumble around him.

Thank God, Geoff's parents were still around to support him and the children. They realised that barely eight years had passed since their son had walked down the aisle with his lovely bride. This was an irreparable loss for him. He was alone and with two kids. They realised that they would have to pool in and give Geoff as much help as possible. They hoped and prayed that time will heal the wound. They had to make him realise that the kids needed his support more than ever. In order to give him some time to get over the shock, they suggested that James and Alice move in with them. By this time, James was attending school while Alice was still a toddler needing constant attention.

Late one evening, some three months after Janet's death, Geoff was on his way home after a very busy day at the office. That was how he wanted it in order to fill the hollow, cold feeling inside him. He did not relish going back to an empty, cold house. It was dark and he was tired. Suddenly, his car skidded and only came to a complete halt when it hit a lamp post. For a brief moment, he had a sensation of blood streaming down his face and then total darkness. He did not know how long he remained unconscious. He briefly came to when he heard

a voice saying, “Don’t worry. I’ve called an ambulance and it should be here any moment now.”

When he regained consciousness, he was in hospital. Life had dealt him an awful blow and he felt tired of struggling. Everything seemed dark and bleak. In the morning, a doctor called by his bedside to see how he was doing. Fortunately, he had escaped with very little damage. All that he needed was to be treated for shock and a few minor bruises although his face will still carry a number of superficial scars. When he was told that his car was a total loss, he understood how bad the crash had actually been. He thought about his two children and about his parents and realised how lucky he was to be alive and without any serious injuries.

Prior to leaving hospital, he enquired about the person who had called for help as he felt that he should thank this person. A couple of days later, he phoned the number he had been given and left a message on the answering machine. No return call was received. Odd, but then there was nothing more that he could do.

Time waits for no one. James and Alice grew to be a delight for Geoff and the grandparents. Both children were bright and alert. James finished Grammar school and was starting college. Shortly before the beginning of the scholastic year, the headmaster organised an open day so that the parents would meet their children’s teachers. James, who had previously made the necessary enquiries in order to avoid waiting in long queues, guided his father straight to his class teacher, Ms Alison Shaw. “Mr Simms,” said Ms Shaw after a brief introduction, “I have seen James’s Grammar School results and I am pleased to say that he promises to be a high-flyer. Does he get any help from home?”

Geoff confessed that, for some years, his son had been working on his own and that he normally arrives home very late from work. However, after fate dealt him a blow when he was least expecting it, he decided to change his way of living. Without knowing why, Geoff found himself relating his life story to a totally unknown stranger and ended by saying: “I regret that I never got to know the person who called for help and saved my life. I admit that, for a time, I buried myself in my grief and I could not surface. It was only when I realised how close to death I had been that I started appreciating my children and my parents who had supported me for so long without complaining. Sometimes I really wonder whether it had been my wife who had sent me an angel to guide me back to living a full life with my family!”

“Funny,” replied Ms Shaw, “do you know that I also wonder whether your wife is still intervening? You see, on that particular evening of your accident, I was driving to my boyfriend’s place when I saw your car swerve and crash into that lamp post. I realised that you might need assistance and, so, I called for help and waited until the ambulance and the police arrived. Being the only eye-witness, I was asked to follow the party to file a report. Eventually, when I called at my boyfriend’s place, he wasn’t there. The next day, I found out that he had gone to the movies with my best friend and, after that, he never called me again. It took me some time to get over the thought that he was not my ‘Mr Right’ after all. I did find your message on my answering machine but, to tell you the truth, I was still very angry for the way my ex-boyfriend had treated me that I did not bother getting back to you. Very uncivil of me, isn’t it?”

Geoff was so pleased to have found the person who had been instrumental in giving him another chance in life to appreciate what he had. He made sure to ask Ms Shaw out insisting that he owed her quite a lot for what she had done for him. After that first meeting, and little by little, Geoff and Alison became more than just regular friends until the day came when he proposed to her. It was a very happy day for all the family when Alison became one of them. Geoff knew that he would never forget his beloved Janet but he was also certain that she would agree that it was very important for him to grab this second chance and move on. He realised that, what he had considered to be the unexpected, was just a way of coming to terms with the turn his life had taken. Moreover, he also saw that, the experiences he had recently gone through, made him a stronger person who is better able to cope with life’s never ending struggles.

# Painter’s Palette

***Maria Cordina***

The sky is pale and rather dark
with thick grey clouds that love to cuddle.
They seem so plump and really full
ready to cry and fill the puddle.
And I can feel a sweet cool breeze
which gives me strength to hurry home.
I’m almost there, yes, pretty soon.
Oh!  It’s drizzling, now it’s pouring;
Caressing my face, my arms, my hair,
as if to remind me that hot sunny days are over
and that autumn is now here to stay.



# TISLIBA Nru.108

**Minn Albert Howard Madiona**

**Mimdudin:**
1. Aktar ħaxix minn dan għall-brodu (6)
5. San Franġisk t'... (6)
10. Partiċella prepożizzjoni (3)
12. Ktieb kbir; Dimensjonijiet (5)
14 Isem ta' aċidu li jinsab fil-bniedem (5)
15. Magna li taqta' ġebel, ħadid, injam (4)
16. Authorized Version (1.1)
17. Aqwa; Aktar gwapp: Ifjen (5)
19. Tawh xebgħa... (5)
22. Tan-nutar/nutari (8)
24. Iżjed spazjuż jew l-Amerika! (3)
25. issoponejtu, ipprevedejtu (6)
28. Xaħam – Ardu - Mlaħħam (5)
31. Li hu minn dejjem u jibqa' għal dejjem (5)
33. Ħut li jissejjaħ ukoll kaplati (7)
35. Tazza u bosta aktar (5)
37. Salvation Army (1.1)
38. Naddaf li kien fadal, ħa l-fdal (6)
39. Ħmerija – Ħaġa li ma tiswiex (5)

**Weqfin:**
2. L-isem tal-Poeta Briffa (5)
3. Jekk mhux ħmar... (4)
4. Kunjom li fih issib ismu wkoll (7)
6. Għannejja sagri (5)
7. Qawl – Djalett - Frażi (6)
8. Ġlekk gala iswed twil (6)
9. Dan imħarreġ fil-liġi (6)
11. Irish Republic Army (1.1.1)
13. Kobba mibruma fuqha nfisha mit-tul (7)
18. Naqas – Inxtorob – Sar konċiż (4)
20. Foresta żgħira – Bosk żgħir (7)
21. La ddumx - Ħaffef (3)
23. Valv taċ-ċilindru tal-gass (9)
26. Kostum – Drawwa - Ritwal (6)
27. Waħħal bl-imsiemer (6)
29. Sliem ta' darba – Mistrieħ ta' dejjem (6)
30. Art għan-niżla - Żurżieqa (6)
32. Niġi Llum Zaren (1.1.1)
34. Għeruq - Final (5)
36. Lvant (3)

**Premju:** It-tislibiet tajbin li nirċievu bil-posta, sal-ewwel xahar minn meta joħroġ il-fuljett, jittellgħu bil-polza biex jingħata premju ta' €10.
Il-Premju għat-tisliba numru 107 ntrebħet mis-Sur A. Attard, Mosta **Prosit!**

---

**Soluzzjoni tat-tisliba tal-ħarġa numru 107**
**Mimdudin: 1** modern, **5** stanġa, **10** sid, **12** mħart, **14** eduka, **15** erin, **16** ir, **17** tlabt, **19** attur, **22** werzieqi, **24** qam, **25** katina, **28** tosti, **31** karru, **33** intatti, **35** spajs, **37** es, **38** tenent u **39** attiv.
**Weqfin: 2** ovali, **3** esse, **4** naduraw, **6** tfajt, **7** astuti, **8** tereża, **9** kmamar, **11** idi, **13** tnaqqis, **18** armi, **20** tqarras, **21** vat, **23** intitolat, **26** abbiss, **27** prima, **29** inabit, **30** skadut, **32** uża, **34** totti u **36** jet.


BONNICI'S PRESS Est.1924
Digital & Offset Printing
36, St. Paul Street, Valletta
Tel: 2122 4607 - 2122 8138
Mob: 99870603
E-mail: emibonnici@gmail.com

Emi Bingo Sheets
Tel: 2122 8138 Mob: 9987 0603


# Żbalji postali
# Sensiela mal-*Gozo Philatelic Society*

*b'kitba ta' Antoine Vassallo*

**L-Italja tiżbalja l-mappi**




Fl-1961, bolla mill-Italja għamlet ħoss mhux minħabba xi sbuħija partikulari imma peress li kellha żball li seta' ħoloq inċident diplomatiku. Il-posta ħarġet sett fl-okkażjoni ta' żjara statali tal-President Giovanni Gronchi fil-Perù. Ma nafx hux ħtija tal-artist, Roberto Mura, jew ta' xi ħaddieħor li tah atlas skadut, imma l-bolla kien fiha żball għax il-fruntieri murija fuqha ma kinux korretti. Il-mappa tal-Perù fuq il-bolla ma kinitx tinkludi biċċa territorju li fuqu ma kienx hemm qbil dwar jekk hux tal-Perù jew inkella ta' wieħed mill-ġirien tiegħu, l-Equador. Fortunatament, l-awtoritajiet intebħu fil-ħin biex iħollu l-kobba!




Is-sett ħareġ fit-3 t'April 1961 filwaqt li ż-żjara kellha tibda tlitt ijiem wara. L-Ambaxxata tal-Perù f'Ruma pprotestat mill-ewwel minħabba n-nuqqas ta' parti mill-Perù fin-naħa tat-tramuntana. Ġie deċiż li l-bolla tiġi stampata mill-ġdid. Peress li t-3 t'April ħabat l-għada tal-Għid il-Kbir (jiġifieri, il-*Pasquetta*, btala mill-iktar popolari fl-Italja), ftit kienu laħqu nbiegħu. Għaldaqstant, ma kinitx biċċa xogħol enormi biex titwaħħal bolla korretta li tgħatti lil dik żbaljata fuq l-invilopsi lesti għat-timbru kommemorattiv. Il-*Gronchi rosa* probabbli li hija l-iktar bolla magħrufa fl-Italja u li tiswa flus! Għalkemm, proprjament, tneħħielha l-valur postali, il-ftit li baqgħu jiġru fl-idejn ġabu prezz sostanzjali.




Dan ma kienx l-uniku żball ġeografiku tal-posta Taljana. Fl-1954, qabżilhom difett fil-fruntieri tal-Italja stess. Kien qed jitfakkar il-bidu tat-trażmissjonijiet televiżivi imma l-mappa, murija tant ċkejkna fuq it-TV, tinkludi l-peniżola Istrijana li t-Trattat ta' Paċi ta' Pariġi tal-1947 kien ta lill-ex-Jugoslavja. U l-Jugoslavi ħadu għalihom tant li bdew jirrifjutaw ittri b'dawn il-bolli fuqhom.



**Il-President u l-Membri**
**tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Jawguralkom l-isbaħ xewqat**
**għall-Milied Ħieni**
**u Sena Ġdida mimlija**
**Risq, Hena u Paċi**

# Pitturi famużi

**Kitba ta' Vincent Piccinino**



**John Constable 1776 – 1837**, pittur Ingliż ieħor tal-era Romantika, twieled f'Suffolk, l-Ingilterra, fil-11 ta' Ġunju tal-1776. Missieru kien negozjant għani tal-qamħ u, minbarra midħna, kellu wkoll vapur żgħir li bih kien jittrasporta l-qamħ lejn Londra. Kieku ried, John seta' wiret in-negozju ta' missieru u l-futur tiegħu kien ikun assigurat. Imma hu kien determinat minn ċkunitu li ried isir pittur professjonali u, għaldaqstant, iktar tard, in-negozju ta' missieru spiċċa biex wirtu ħuh iżgħar minnu.

Fl-1816, ta' erbgħin sena, John Constable żżewweġ lil Maria Bicknell fil-knisja ta' *St Martin-in-the-Fields*; knisja ċkejkna b'kampnar wieħed fin-nofs li hemm fit-tarf tal-i*Strand* ta' Londra, quddiem *Charing Cross Train Station*, qabel tidħol għal *Trafalgar Square*.



*Flatford Mill, 1816, Tate Gallery, Londra*

Il-pittur John Constable, l-aktar li baqa' magħruf għalih huwa l-mod kif irnexxielu jirrivoluzzjona l-pittura tal-pajsaġġ. Meta kien żagħżugħ, Constable kien iħobb joħroġ idur fil-kampanja u hemm joqgħod jiddisinja dak kollu li kien josserva. F'ittra lil sieħbu, Constable darba kiteb hekk: "L-arti tiegħi insibha taħt il-ħaxix u fl-isqaqien u, għalhekk, ħadd ma jaraha *vale la pena* jiġborha!" Infatti, il-pajsaġġ sar, tista' tgħid, is-suġġett ewlieni ta' ħafna mix-xogħlijiet artistiċi tiegħu. Anzi, Constable nnifsu kien isostni li kienu x-xeni sbieħ tal-kampanja Ingliża li lilu għamluh pittur.



*Wivenhoe Park, 1816, National Gallery of Art, Washington*

Constable ma kienx jaqbel mal-kultura artistika li kienet tinkoraġġixxi lill-artisti jużaw l-immaġinazzjoni biex ipinġu l-kwadri tagħhom imma kien jemmen li s-suġġetti tal-arti għandhom ikunu ispirati direttament minn natura stess. Infatti, ma' sieħbu, darba stqarr li, meta jpoġġi bilqiegħda biex jiskeċċja minn natura, l-ewwel ħaġa li jipprova jagħmel hija dik li jinsa li qatt ra stampa!"

Matul ħajtu kollha, Constable kulma biegħ f'pajjiżu kienu għoxrin kwadru filwaqt li, fi Franza, irnexxielu jbigħ anki aktar minn daqshekk fi ftit tas-snin biss. Il-popolarità internazzjonali tiegħu wasslet biex ikun mistieden jivvjaġġa barra minn pajjiżu biex jippromwovi x-xogħol tiegħu fuq skala internazzjonali imma hu dejjem irrifjuta kull stedina bħal din għax kien jgħid li aħjar fqir l-Ingilterra milli sinjur xi mkien ieħor.

Il-pajsaġġi famużi tal-kampanja Ingliża li pitter Constable baqgħu popolari ferm, saħansitra, sal-lum stess. Saru bosta riproduzzjonijiet tagħhom u dawn issibhom imdendlin mal-ħitan ta' ħafna djar; anki hawn Malta.

Fis-sena 2019, instabu żewġ kwadri ta' Constable li kienu ilhom żmien merfugħin u minsijin ġo armarju qadim kollu trab. Dawn inbiegħu b'irkant u ġabu prezz ta' £60,000 u ta' £32,000 rispettivament.

Bħal sieħbu Joseph Turner, Constable ukoll kien ta' ispirazzjoni kbira għall-Pitturi Impressjonisti li ġew iktar tard, lejn tmiem is-seklu dsatax. John Constable miet Londra fil-31 ta' Marzu tal-1837, fl-età ta' sittin sena, u jinsab midfun f'ċimiterju ġewwa Hampstead, f'Londra stess.



*Dedham Vale, 1802,*
*Victoria & Albert Museum, Londra*